Nru./No. 21,399
Prezz/Price
€4.14

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Marzu, 2025
Tuesday, 4th March, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 2925
Proclamation by the President of Malta *2925*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2926 - 2943
Government Notices ..... *2926 - 2943*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2943 - 2948
Police Notices ..... *2943 - 2948*

Avviżi lill-Baħħara ..... 2948 - 2950
Notices to Mariners ..... *2948 - 2950*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 2950 - 2951
Employment Opportunities ..... *2950 - 2951*

Avviżi tal-Gvern ..... 2952 - 2957
Notices ..... *2952 - 2957*

Offerti ..... 2957 - 2960
Tenders ..... *2957 - 2960*

Avviżi tal-Qorti ..... 2960 - 3012
Court Notices ..... *2960 - 3012*

Anno Domini 2025 Nru. II

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Francis Zammit Dimech
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President tkun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilha bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija assenti minn Malta;

U BILLI fl-1 ta' Marzu, 2025, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANCIS ZAMMIT DIMECH, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum l-1 ta' Marzu, 2025.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2025 No. II

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) Francis Zammit Dimech
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon her by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 1st day of March, 2025, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANCIS ZAMMIT DIMECH, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 1st day of March, 2025.

By Authority,

(Sd) Robert Abela
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 357

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,398 tat-28 ta' Frar, 2025 (Avviżi Legali 48 sa 49).

A.L. 48 tal-2025: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx).

A.L. 49 tal-2025: Att tal-2024 li Jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Att Nru XXIV tal-2024) (Kap. 515); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

L-4 ta' Marzu, 2025

Nru. 358

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Vassallo, l-Avukat Dott. Audrey, Asst Reġistratur, Dipt tal-Ġustizzja

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

L-4 ta' Marzu, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 357

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,398 of 28th February, 2025 (Legal Notices 48 to 49).

L.N. 48 of 2025: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Feed-in Tariffs Scheme (Electricity Generated from Solar Photovoltaic Installations) (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 49 of 2025: Council for Maltese Living Abroad (Amendment) Act, 2024 (Act No. XXIV of 2024) (Cap. 515); Commencement Notice.

4th March, 2025

No. 358

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Vassallo, Advocate Dr Audrey, Asst Registrar, Dept of Justice

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

4th March, 2025

Nru. 359

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 63, Triq Zekka, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 359

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 63, Triq Zekka, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Scerri Marie-Therese	45984M	IV 161088
Scerri Marie-Therese	45984M	IV 161090
Vassallo Carmelo	919745M	IV 159651
Cassar John	238661M	IV 160111
Romano Joseph	714154M	IV 161002
Tanti Mark	207875M	IV 159698
Gerada Charles	250797M	IV 160531
Fenech Ramon	544185M	IV 155253
D'Amato John	346178M	IV 160670
Caruana Murphy Ray	447690M	IV 159401
Herges Pierre Michael Roger	891591427	IV 159342
Peng Gao	889581310	IV 157844
Xerri Tarcisio	887502335	IV 158490
Spiteri Charmaine	535580M	IV 154903
Xuereb Alfred	413042M	CM 043508
Mallia Paul	11583M	CM 058837
Cachia Denise	569262M	CM 043327
Vella Mary	545760M	CM 058381
Abela Ignazio	338258M	CM 058148
Thornton Geoffrey	Pass No. GF677765	CM 057599
Tabone George	64940G	CM 058611
Liquid Arrow Limited	Roc. No. C100293	SV 051208

Nru. 360

ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI, 2001 (KAP. 433)

Miżuri ta' kontinġenza li qed jiġu implimentati fuq iż-żoni tax-Xagħra u t-triq li tagħti lejn Marsalforn Għawdex, sabiex jiġi kkontrollat il-Virus tat-Tristeża taċ-Ċitru (CTV)

B'REFERENZA għal Taqsima V (Trażżin u Eradikazzjoni ta' Organiżmi li Jagħmlu Ħsara lill-Pjanti) Artikolu 20(1) tal-Att, id-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali jiddikjara illi:

1. Wara li ġew identifikati iktar siġar taċ-ċitru infettati bis-Citrus Tristeza Virus (CTV) fl-inħawi tax-Xagħra u tul it-triq ta' Marsalforn, Għawdex, fil-kordinati:

a. 36.062507 latitudni u 14.256324 longitudni,
b. 36.063401 latitudni u 14.262382 longitudni,
c. 36.059049 latitudni u 14.2594 longitudni;

2. Inħawi sa 500m minn dan il-kordinati se jkunu mqiegħda taħt miżuri ta' kontinġenza minħabba l-fatt li l-virus tas-CTV huwa ta' theddida għaċ-ċitru tal-Gżejjer Maltin;

3. Is-siġar infettati se jiġu mmarkati b'marka ta' identifikazzjoni minn uffiċjali tad-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti, u wara dawn is-siġar se jinqerdu;

4. Persuni li għandhom fil-pussess tagħhom siġar infettati bis-CTV se jiġu infurmati bil-miktub meta dawn is-siġar għandhom jinqerdu;

5. Dawn is-siġar għandhom jinqerdu mis-sid fid-data mogħtija mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti, fil-preżenza ta' Spetturi mit-Taqsima tal-Monitoraġġ u Kontroll, billi jinqalgħu mill-għeruq, jitqattgħu biċċiet u jinħarqu fuq il-post;

6. Kwalunkwe persuna, entità, awtorita jew entità legali responsabbli mill-proprjetà fejn jinstabu s-siġar infettati, għandhom javżaw lid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti jekk għandhom aktar siġar fil-pussess tagħhom, kemm jekk dawn jinsabu fl-akkwati taħt kontinġenza kif ukoll barra minn dawn l-akkwati msemmija;

7. Il-persuni kollha li għandhom siġar taċ-ċitru fl-akkwati taħt kontinġenza għandhom jissorveljaw l-afidi skont linji gwida maħruġa mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti u japplikaw il-bexx meta dan ikun meħtieġ, biex

No. 360

PLANT QUARANTINE ACT, 2001 (CAP. 433)

Contingency measures laid down on the areas of Xagħra and the Marsalforn route (Gozo) for the control of Citrus Tristeza Virus (CTV)

WITH reference to Part V (Containment and Eradication of Plant Pests), Article 20 (1) of the Act, the Plant Protection Directorate within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights hereby notifies that:

1. Following the identification of more Citrus Tristeza Virus (CTV) infected trees in the areas of Xagħra and along the Marsalforn route in Gozo, which are located on the following coordinates:

a. 36.062507 latitude, 14.256324 longitude
b. 36.063401 latitude, 14.262382 longitude
c. 36.059049 latitude, 14.2594 longitude;

2. Areas falling within 500m of these co-ordinates will be placed under contingency measures, as the CTV virus poses a significant threat to the citrus trees of the Maltese Islands;

3. Infected trees will be marked with identification tags by officials from the Plant Protection Directorate, after which the trees will be destroyed;

4. Individuals in possession of CTV infected trees will be informed in writing by the Plant Protection Directorate regarding the scheduled destruction of these trees;

5. The destruction of infected trees must be carried out by the owners on the date specified by the Plant Protection Directorate, in the presence of Inspectors from the Monitoring and Control Unit. The process involves uprooting, cutting the trees into pieces, and burning them at a designated location within the area of cultivation;

6. Any person, entity, authority, or legal entity responsible for property where infected trees are located must inform the Plant Protection Directorate of any other citrus trees in their possession, both within and outside the designated contingency areas;

7. Individuals are required to periodically apply plant protection products to monitor aphids on all citrus trees in their possession within the contingency areas and to apply plant protection products when necessary to minimise the

tiġi kkontrollata l-firxa ta' dan il-virus permezz tal-insetti. Huma obbligati jsegwu l-linji gwida li jistgħu jinħarġu mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Pjanti;

8. Il-bexx użat għat-trażżin tal-afidi għandu jkun biss dak irreġistrat biex jintuża fuq iċ-ċitru fil-Gżejjer Maltin, skont il-lista ta' prodotti maħruġa mill-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur;

9. Il-persuni kollha li għandhom is-siġar taċ-ċitru infettati huma fl-obbligu li jaqtgħu l-frott mingħajr weraq u zkuk biex tiġi evitata l-firxa tal-insetti li jistgħu jmexxu din il-marda;

10. Id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti se jibqa jwettaq stħarrig f'dawn l-akkwati għal din il-marda għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin, sabiex jiġi aċċertat li ma fadalx siġar morda.

11. Id-Direttur jista' joħroġ linji gwida addizzjonali aktar stretti minn dawn imsemmija sabiex tiġi evitata l-firxa tal-Virus tat-Tristeża taċ-Ċitru.

L-4 ta' Marzu, 2025

risk of further spreading the infection. They are obligated to follow any additional guidelines as may be issued by the Plant Protection Directorate;

8. Only plant protection products registered for use on citrus in the Maltese Islands, as per the list issued by the Malta Competition and Consumer Affairs Authority, may be used for aphid control;

9. Persons in possession of infected trees must ensure that any produce harvested from these trees is circulated without leaves and peduncles;

10. The Plant Protection Directorate will conduct surveys in the areas under contingency measures for a period of up to three years to ensure that no further infected trees are present.

11. The Director may issue additional or more stringent guidelines as necessary, to prevent the further spread of the CTV virus.

4th March, 2025

Nru. 361

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

L-4 ta' Marzu, 2025

No. 361

LANDS AUTHORITY

Notification of Affixation of Notice

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

4th March, 2025

Nru. tal-Applikazzjoni *Application No.*	Nru. tal-Proprjetà/Tenement *Property/Tenement No.*	Deskrizzjoni tal-Proprjetà *Property Description*	Talba *Request*
AGRI 1/2021/1080	051095-010	5th Portion of Land, is-Santi k/a Ta' Majna, Mġarr, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer
AGRI 1/2023/0614	J59519	Raba' "Tan-Nigret, Xagħra" Għawdex, Malta	Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer

Nru. 362

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Assistenza Per Capita lill-Iskejjel Indipendenti relatati mar-riżorsi umani, servizzi u faċilitajiet neċċessarji għall-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi skont l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni (2024-2030)

Bl-għan li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni (2024-2030), il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jestendi l-iskema tal-Assistenza Per Capita li għandha l-għan li tipprovdi għajnuna per capita lill-Iskejjel Indipendenti fir-rigward tar-riżorsi umani u kategoriji identifikati ta' servizzi u faċilitajiet relatati ma' riformi fl-interess tal-iżvilupp edukattiv nazzjonali, sabiex l-istudenti f'dawn l-iskejjel jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ambjent edukattiv tal-aqwa kwalità.

B'referenzja għal dan u fil-Qafas tal-Ftehim Settorjali bejn il-Gvern Malti u l-MUT tal-2024-2029, din l-iskema qiegħda tkun esitiża sabiex tkopri wkoll parti mis-salarji tal-Edukaturi eliġibbli li huma impjegati u mħallsa mill-iskejjel indipendenti.

L-ispejjeż eliġibbli mitluba fir-rigward ta' Riżorsi Umani (i.e. rimborż parzjali tas-salarju) ma jistax jeċċedi t-80% (tmenin fil-mija) tal-assistenza totali eliġibbli pprovduta mill-Gvern lill-iskola f'din l-iskema għal kull sena kalendarja. Il-bilanċ li jifdal se jkun jirrelata mal-ispejjeż eliġibbli għal servizzi u faċilitajiet mit-total ta' dak l-ammont intitolat lill-iskola kif hemm aktar l-isfel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

F'din l-iskema sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor: "applikant" tfisser persuna li fid-data tal-applikazzjoni hija rikonoxxuta bħala l-Kap tal-Iskola Indipendenti, jew tkun temporanjament fl-istess pożizzjoni u li f'isem l-iskola qiegħda tapplika għall-assistenza biex tkun tista' tibbenefika taħt din l-iskema;

"data effettiva" tfisser mill-1 ta' Jannar, 2024 sa 31 ta' Diċembru, 2025;

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"irċevuta fiskali" tfisser irċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentement emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

No. 362

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Per Capita Assistance to Independent Schools related to human resources, services and facilities required for the Implementation of Educational Reforms as per National Education Strategy (2024-2030)

To support the implementation of the National Education Strategy (2024-2030), the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation is extending the Per Capita Assistance scheme that aims to provide per capita assistance to Independent Schools with regards to human resources and identified categories of services and facilities related to such reforms in the interest of national educational development, so that learners in these schools may also benefit from the highest quality educational environment.

With the above in mind and in the context of the Government/ MUT 2024-2029 Sectoral Agreement,this scheme is being extended to cover also part reimbrsement of salaries of eligible Educators currently being employed and paid by independent schools.

The eligible expenses claimed relating to Human Resources costs (i.e. part reimbursement of salary) shall not exceed 80% (eighty percent) of the total eligible assistance provided by the Government to the School under the scheme in any one calendar year. The remaining balance shall relate to eligible expenditure for services and facilities of the total school entitlement as per below.

SCHEME

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires: "applicant" means a person, who on the date of application is officially recognised as the Head of the Independent School, or temporarily acting that capacity, and on whose behalf such person is applying for the assistance which may be granted under this Scheme;

"effective date" means from 1st January, 2024 to 31st December, 2025.

"Malta" means the Maltese Islands;

"fiscal receipt" means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax Act (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made under the same Act;

"payslip" tfisser evidenza uffiċjali miktuba illi s-salarju ta' Edukaturi nħareġ mill-iskola u kien mogħti lill-impjegat.

"payslip" means written official evidence that the wage of an Educator has been duly disbursed by the school and received by the employee.

"Warrant ta' Għalliem" ifisser Warrant permanenti jew temporanju validu maħruġ mill-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema.

"Teachers Warrant" means a valid permanent or temporary warrant issued by the Council for the Teaching Profession.

"riċevuta ta' notifikazzjoni tal-impjieg" tfisser id-dokument maħruġ mid-Dipartiment tar-Riżorsi Edukattivi tal-Ministeru (MEYR) li jikkonferma l-impjieg tal-impjegat fi ħdan l-iskola hekk imsemmija li qed tapplika għal din l-iskema. Fil-każ ta' edukatur supply, ir-riċevuta ta' notifikazzjoni ta' impjieg għandu jirrifletti s-sena skolastika attwali.

"acknowledgement of notification of employment" (NOE) means the document issued by the Education Recources Department of MEYR acknowledgement an employee's engagment within the named independent school applying for this scheme. In case of a supply educator, the acknowledgement of notification of employment needs to reflect the current scholastic year.

Il-Kap tal-Iskola għandu r-responsabbilità jassigura li l-irċevuta tan-notifikazzjoni tal-impjieg tirrifletti eżatt ir-rwol attwali tal-impjegat inkluż is-suġġett jew is-suġġetti approvati u mgħallma.

The Head of School takes full responsbility that the NOE submitted fully reflects the actual role of the employee including subject/s approved and taught.

"skola indipendenti" ifisser:

"independent school" means:

istituzzjoni lir-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni u kemm ta' oġġetti, huma ordinati sabiex jitmexxew 'il quddiem l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħra permezz tat-tixrid tat-tagħrif u tkabbir tat-tagħlim skont l-artiklu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605); u

an institution the resources of which, both of persons and of things, are ordained towards the promotion of the education and training of other persons through the dissemination of knowledge in accordance with article 2 of the Education Act (Cap. 605); and

istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni f'livell tal-kindergarten, primarju u/jewsekondarju; u

an institution providing education at kindergarten, primary and/or secondary level/s; and

istituzzjoni li hi għal kollox konformi ma' dak stabbilit mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u għaldaqstant mhux qed tapplika eżenzjonijiet minnu bi ftehim mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, bħal fil-każ tal-Iskejjel Internazzjonali, u

an institution that is fully compliant with the National Minimum Curriculum and is thus not applying specific waivers therefrom in agreement with the Directorate for Quality and Standards in Education, as is the case with International Schools, and

istituzzjoni li diġà għandha liċenzja valida biex topera bħala skola skont kif inhu stabbilit fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605) fi-data meta ssir l-applikazzjoni għall-Għotja;

an institution which already has a valid licence to operate as a school in full compliance of the Education Act (Cap. 605) as at the effective date of this Grant;

'spejjeż eliġibbli' tfisser:

'eligible expenditure' means:

kull infiq, inkluż spejjeż għal-Riżorsi Umani (rimborż parzjali tas-salarju), li seħħ minħabba l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Edukazzjoni għal Malta u l-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali u kull infiq inkluż spejjeż għal Riżorsi Umani illi għalkemm mhux parti mill-Istrateġija tal-Edukazzjoni għal Malta jew il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, li jista' jkun implimentat mill-iskejjel kollha ta' Malta u jinkludi dan:

any expense, including Human Resources costs (partreimbursement of salary) incurred in theimplementation of the Education Strategy for Maltaandthe National Curriculum Framework; and any expenseincurred including Human Resources costs which though not part of the Education Strategyfor Malta or the National Curriculum Framework, is to be implemented by all Schools in Malta and shall include the following:

Riżorsi umani; rimborż parzjali tas-salarju għal Kap ta' Skola, Assistent Kap, Kap ta' Dipartiment, Kordinatur tal-

Human resources; part reimbursement of salary for Head of School, Assistant Head, Head of Department and teacher,

Inklużjoni, Għalliem, Għalliem Supply, Għalliem Gradwat Supply, Edukatur tal-Kindergarten, Supply KGE.

Spejjeż eliġibbli rikjesti fir-rigward ta' Riżorsi Umani f'dan il-paragrafu ma jeċċedux 80% (tmenin fil-mija) tal-assistenza totali pprovduta mill-Gvern lill-Iskola f'din l-Iskema f'sena kalendarja. Il-bilanċ li jifdal mill-ammont totali tal-assistenza mogħtija mill-Gvern lill-iskola jkun għal spejjeż ta' servizzi u faċilitajiet.

Servizzi u Faċilitajiet

Servizzi relatati mal-bżonnijiet individwali tal-istudenti; investiment f'apparat tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni, software u liċenzji;

titjib fil-faċilitajiet tax-xjenza;

titjib fil-faċilitajiet sportivi;

titjib fl-iżvilupp professjonali tal-għalliema fl-iskejjel indipendenti;

servizzi relatati b'mod dirett u raġonevoli ma' dak li ssemma qabel, bħalma huma spejjeż tal-perit/inġinier/espert;

opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għal edukaturi/mexxejja edukattivi u appoġġ professjonali fir-rigward ta' titjib marbut mal-politiki nazzjonali u l-Istandards Nazzjonali ta' Kwalità;

spejjeż relatati ma' ċirkostanzi eċċezzjonali ta' natura nazzjonali.

Xogħlijiet ta' natura kapitali u servizzi direttament relatati mat-titjib tal-kwalità tat-tagħlim. Dawn jistgħu jinkludu l-ispejjeż tal-fażi ta' kostruzzjoni/titjib u/jew il-fażi kompleta sabiex skola testendi u/jew itejjeb is-servizzi ta' tagħlim tagħha fil-livell primarju jew sekondarju, kif jista' jkun meħtieġ, u servizzi relatati direttament bħat-tariffi tal-ipproċessar tal-P.A. oriġinarjament previsti fl-istadji tal-ippjannar tax-xogħlijiet ta' natura kapitali.

Servizzi u xogħlijiet li saru sa mid-data effettiva kif iddettaljat fiċ-ċirkulari tad-DQSE: Per Capita Grant Scheme (DQSE 02/2025). Infiq marbut ma' vvjaġġar u akkomodazzjoni ma jitqiesx bħala infiq eliġibbli.

2. Min jista' japplika għall-għajnuna taħt din l-iskema

Din l-iskema tirrigwarda n-nefqa eliġibbli u r-rimborż parzjali tas-salarji minn skola indipendenti mwettqa matul il-perjodu eliġibbli. Wieħed għandu jifhem li fil-każ ta' dawk

Inclusion Coordinator, Supply Teacher, Supply Graduate Teacher, Kindergarten Educator / Supply KGE.

Provided that eligible expenses claimed related to Human Resources costs as described in this paragraph, shall not exceed 80% (eighty percent) of the total assistance provided by the Government to the School under the Scheme in any one calendar year. The remaining balance of the total assistance provided by the Government to the School will be for services and facilities.

Services and Facilities

Services related to the individual needs of students; investment in ICT hardware, software and IT licences;

improvement in science facilities;

improvement in sports facilities;

improvement in the professional development of teachers in independent schools;

services directly and reasonably related to the above, such as architect/engineer/expert fees where applicable;

continuous professional development opportunities for educators/educational leaders and professional support in relation to improvement linked to national policies and the National Quality Standards;

costs related to exceptional circumstances of national nature.

Works of a Capital Nature and services directly related to the improvement of the quality of teaching and learning. These may include the expenses of the construction / upgrading and/or completion phase incurred in order for a school to extend and/or enhance its teaching services in the primary or secondary level, as may be required, and directly related services, such as P.A. processing fees originally envisaged in the planning stages of the works of a capital nature.

Services and works carried out as from the effective date as detailed in DQSE circular: Per Capita Grant Scheme–2025 (DQSE 02/2025). Expenses related to travel and accommodation shall not be considered eligible expenditure.

2. Area of applicability

This scheme relates to eligible expenditure including part reimbursement of salaries by an independent school carried out during the eligible period. It should be noted that schools

l-iskejjel li japplikaw għall-assistenza taħt xi tip ta' skema oħra mnedija mill-Gvern ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn assistenza għall-istess infiq taħt din l-iskema

3. Kif wieħed japplika u d-dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formola indikata fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-iskema,

ii) Applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti murija hawn taħt:

kopja tal-karta tal-identità tal-applikant jew fin-nuqqas tal-karta tal-identità xi tip ta' dokument uffiċjali ieħor li jidentifika lill-applikant;

Għall-Ispejjeż Eliġibbli:

Riżorsi Umani

Il-payslips għall-edukaturi għandhom jintbagħtu bħala kopja elettronika akkumpanjata mid-dokumenti rekwiżiti; approvazzjoni jew notifika tal-impjieg u warrant tat-tagħlim validu (permanenti jew proviżorju), għall-Edukaturi li huma eliġibbli għal wieħed skont il-parametri tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema u l-Kundizzjonijiet Minimi għall-Iskejjel 605.02.81 (mhux applikabbli għal Kindergarten Educators/Supply KGEs u Inclusion Co-ordinators).

Servizzi u Faċilitajiet

L-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invoices kummerċjali awtentikati mill-Kap tal-Iskola u, fejn japplika, minn perit bil-warrant;

Fil-każ ta' għamara użata fl-iskola, software u tagħmir li saret referenza għalihom f'interpretazzjoni ta' "xogħlijiet ta' natura kapitali", u li ma jinxtrawx minn Malta, l-irċevuti oriġinali tax-xiri ta' dawn l-oġġetti maħruġin mill-fornitur flimkien ma' 'delivery note/s', prova dokumentata oriġinali li l-ħlas finali sar, u approvazzjoni minn Maltapost/id-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta, skont il-bżonn. Dawn id-dokumenti jridu jikkonfermaw li dawn l-oġġetti fil-fatt inxtraw; li l-ispejjeż tax-xiri, inkluż fejn japplika l-ispejjeż tad-dazju u tal-VAT tassew tħallsu b'mod sħiħ; u li dan ix-xiri sar mill-iskola li qed tapplika għall-għotja ta' din l-iskema għall-istess skola. Dawn l-oġġetti mixtrija jridu jkunu konformi mar-regolamenti dwar l-istandards tas-sigurtà tal-UE.

Dawn id-dokumenti jridu jkunu ffirmati mill-Kap tal-Iskola.

that apply for assistance under any other Government scheme shall not benefit from assistance for the same expenditure under this scheme.

3. Manner of application and supporting documents required:

i) Applications under this scheme are to be made on the form referred to in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme,

ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

a copy of the identity card of the applicant or, in the absence of an identity card, any other official document that identifies the applicant;

For Eligible Expenditure:

Human Resources

payslips for educators are to be submitted as a soft copy accompanied by requested documentation; approval or notification of employment and valid teaching warrant (permanent or temporary) for Educators who are currently eligible for one, according to CTP parameters and National Minimum Conditions 605.02.81 (not applicable for Kindergarten Educators / Supply KGEs and Inclusion Co-ordinators).

Services and Facilities

The original fiscal receipt/s as well as the commercial invoices authenticated by the Head of School and, where applicable, by a warranted architect;

In the case of school furniture, equipment and software that fall within eligible expenditure. and which items are not purchased from Malta, the original invoices of the purchase of such items issued by the supplier together with the delivery note/s, the original documentary proof that final payment has been effected, and clearance from Maltapost/Department of Customs Malta, as may be required. These documents must confirm that such items were really purchased; the expenditure costs, and which costs include duty and VAT as may be required, were really paid in full; and that such purchase was effected by the school applying for the grant under this scheme for the same school. Such purchased items must also conform to EU standard safety regulations, as may be required.

These documents are to be endorsed by the Head of School.

fejn japplika, ċertifikat uffiċjali maħruġ mill-perit bil-warrant biex jikkonferma li x-xogħlijiet eliġibbli ta' natura kapitali kif deskritti fl-applikazzjoni huma konformi mar-regoli u l-liġijiet kollha eżistenti, u skont il-permessi neċessarji maħruġa mill-P.A., kif ukoll il-kunsens ta' terzi persuni, jekk u kif hu mitlub biex isiru x-xogħlijiet,

fejn japplika, kopja ufficjali tal-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjannar (P.A.) fuq xogħlijiet ta' natura kapitali kif tniżżlu u fl-applikazzjoni ;

fejn japplika, kopja ufficjali taI-P.A. Compliance Certificate tax-xogħlijiet ta' natura kapitali kif imsemmija;

kull tip ta' dokument ieħor li l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jista' jitlob minn żmien għal żmien.

Ikunu jikkwalifikaw għall-għajnuna msemmija fi Klawsola 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet biss li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti sottomessi ma' din l-applikazzjoni għandhom jinġiebu fiżikament lid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun, għal fini ta' eliġibbiltà tal-irċevuti. Waqt il-perjodu ta' bejn il-bidu u t-tmiem ta' xogħlijiet, applikazzjoni għal għotjiet li għandha x›taqsam mat-tkomplija tad-diversi fażijiet tat-tali xogħlijiet tkun ikkunsidrata wkoll.

Għal Rimbors Parzjali ras-Salarju

A) L-iskema se tirrimborża parzjalment payslips ta' kull xahar ta' Edukaturi (Kap ta' Skola, Assistent Kap, Kap tad-Dipartiment, In Co, Għalliem/Għalliem Gradwat Supply/ Għalliem Supply/Edukatur tal-Kindergarten/Edukatur Supply tal-Kindergarten) sa massimu ta' €1,400 għal kull payslip meta d-DQSE jirċievi:

payslip valida u

warrant ta' għalliem (għall-Edukaturi li huma eliġibbli għal wieħed skont il-parametri tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema u l-kundizzjonijiet Minimi għall-Iskejjel 605.02.81 (mhux applikabbli għal Kindergarten Educators/ Supply KGEs u Inclusion Co-ordinators).

riċevuta ta' notifikazzjoni ta' impjieg maħruġa mill-ERD.

B) Il-payslips se jinġabru mid-DQSE għall-ipproċċessar f'April/Mejju tal-2024 (payslips minn Jannar 2025 sa April 2025 biż-żewġ xhur jistgħu jiġu inklużi).

where applicable, an official certificate issued by the warranted architect confirming that the eligible works of a capital nature as described in the application form are in conformity with all the existing regulations and laws, and in accordance with the necessary permits issued by P.A., as well as the consent of third parties, if and as may be required for the works to be carried out,

where applicable, an officially endorsed copy of the Planning Authority (P.A.) approval of the works of a capital nature as described in the application form;

where applicable, an officially endorsed copy of the P.A. Compliance Certificate of the said works of a capital nature;

any other document which the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation may, from time to time, require.

Only those applications that are in conformity with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the assistance referred to in Clause 5 of this scheme.

Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application as a soft copy shall also be submitted by hand to the Directorate for Quality and Standards in Education, Joseph Abela Scolaro street Ħamrun, for receipt eligibility purposes. During the period between the commencement of such works and their termination, application for grants related to the termination of the various phases of such works shall also be considered.

For Part Salary Reimbursement

A) The scheme will partly reimburse eligible monthly payslips of Educators (Head of School,Assistant Head, Head of Department, Inclusion Coordinator, Teacher/ Supply Graduate Teacher/ Supply Teacher/ Kindergarten Educator / Supply KGE), up to a maximum of Euros 1,400 on the NET amount for every payslip upon submission of:

A valid payslip

A valid Teachers Warrant (for Educators who are currently eligible for one, according to CTP parameters and National Minimum Conditions 605.02.81 (not applicable for Kindergarten Educators / Supply KGEs and Inclusion Co-ordinators)

A valid Acknowledgement of Notification of Employment issued by ERD.

B) Payslips will be collected by DQSE for processing in April/May 2025 (Payslips for January 2025 to April 2025 both months can be included).

Novembru 2025 (Payslips għal April 2025 (jekk ma ġewx sottomessi qabel) sa Ottubru 2025.

Għandha tinħareġ ċirkolari annwali mid-DQSE li tagħti d-dati u l-parametri kif meħtieġ.

4. Ħlas għall-Assistenza Per Capita taħt din l-Iskema

Il-fondi għandhom jiġu allokati fil-forma ta' rimborż ta' irċevuti u dokumentazzjoni tal-edukaturi sottomessa li huma eliġibbli skont it-taqsimiet 1, 2 u 3 hawn fuq, u skont in-numru ta' studenti reġistrati kif ippreżentat uffiċjalment mill-iskola fil-bidu ta' kull sena skolastika u approvat uffiċjalment mid-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi.

L-allokazzjoni massima kull sena hija hekk:

€228 għal kull student fi -kindergarten;

€448 għal kull student fl-iskola primarja;

€766 għal kull student fl-iskola sekondarja (jiġifieri inkluża fil-ħdax-il sena).

5. Data tal-Għeluq tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu kif imsemmija fiċ-ċirkulari tad-DQSE: Per Capita Grant Scheme (DQSE 02/2025).

Applikazzjonijiet li jigu sottomessi wara din id-data ma jkunux aċċettati. Fondi li ma jintużawx f'sena partikolari ma jinġemgħux mal-fondi tas-sena ta' wara.

6. Ħlas ta' fondi

Il-fondi jingħataw lill-applikant bħala tranżazzjoni bankarja.

7. Validità tal-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm -il darba din ma tkunx kompluta, sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha, ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ, u ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumentazzjoni kollha mitluba. Ma jkunux ikkonsidrati applikazzjonijiet li jaslu wara d-data tal-għeluq stipulata. Il-kap tal-iskola huwa legalment responsabbli li j/tara li d-dokumenti u l-informazzjoni mogħtija hija awtentika u veritiera.

Dawk l-iskejjel indipendenti li huma sinjatarji tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Iskola Indipendenti hekk imsemmija biss huma meqjusin li huma eliġibbli għal din l-iskema u r-rimbors imsemmi.

November 2025 (Payslips for April 2025 (if not previously submitted) to October 2025.

An annual circular shall be issued by the DQSE delivering dates and parameters accordingly.

4. Per Capita Assistance payable under this Scheme

Funds shall be allocated in the form of reimbursement of receipts and submitted staff documentation that are eligible as per sections 1, 2 and 3 above, and according to the number of registered students as officially submitted by the school at the beginning of each scholastic year and officially approved by the Directorate Educational Services.

The maximum yearly allocation of funds shall be as follows:

€228 for every child in kindergarten;

€448 for every pupil in primary school;

€766 for every pupil in secondary school (i.e. up to and year 11).

5. Deadlines for submission of applications

Applications are accepted as per the deadline stipulated in the DQSE circular: Per Capita Grant Scheme– 2025 (DQSE 02/2025).

Applications submitted after this date shall not be accepted. Funds not used in one year cannot be carried over in the following year.

6. Payment of funds

The funds shall be paid to the applicant through bank transactions.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested. Late applications will not be considered. The Head of School (HOS) is legally responsible and liable for the authenticity and veracity of all submitted documents and information.

Only those schools who are signatories of the Contract signed between the Government of Malta and the named Independent School shall be deemed to be eligible for this scheme and the reimbursement thereof.

Hekk kif stipulat fil-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-imsemmija Skola Indipendenti, il-benefiċjarji tal-iskema ma jistgħux iżidu r-rati tal-ħlas tal-miżati aktar mit-tnax fil-mija (12%) fis-sena hekk kif stipulat għaż-żmien tas-seħħ tal-kuntratt.

Hekk kif stipulat fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja, regolamenti li jistabbilixxu l-Kundizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel kollha 605.02.12.3. M'għandu jsir l-ebda tibdil fir-rati tal-ħlas tal-miżati jew ħlas ieħor qabel ma jingħata avviż lill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni mhux anqas minn xahar qabel ma jsir dan it-tibdil.

Id-DQSE jirriserva d-dritt li jsegwi l-kriterji kif stipulat fil-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Iskola Indipendenti hekk imsemmija u l-Kunizzjonijiet Minimi Nazzjonali għall-Iskejjel kollha L.S. 605.02 u jagħmel checks mhux imħabbra fir-rigward ta' din l-iskema.

8. Dritt ta' Appell

Applikanti li l-applikazzjoni tagħhom jew parti minnha ma tkunx approvata mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni jkunu informati dwar dan fi żmien xahar mid-data li tiġi sottomessa l-applikazzjoni , u jkollhom id-dritt li jappellaw minnha din id-deċiżjoni bil-kitba mas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Appelli bħal dawn iridu jsiru sa mhux iktar tard minn 15-il ġurnata kalendarja wara li tiġi komunikata n-nuqqas ta' approvazzjoni tad-Direttur, DQSE. Id-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti (MEYR) tkun finali.

9. Tul tal-Iskema

Din l-iskema tibqa' valida skont id-data effettiva u wara din id-data ma tibqax fis-seħħ. Din l-iskema tista' tiġi mwaqqfa qabel id-data msemmija permezz ta' Notifikazzjoni mill-Gvern, u terġa' tiġġedded għal perjodi oħra skont avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Amendi għal din l-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jżomm id-dritt li jagħmel emendi għal din l-iskema billi jippubblika l-istess emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

SKEDA

Formola tal-applikazzjoni kif mibgħuta mid-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

L-4 ta' Marzu, 2025

As per Contract signed between the Government of Malta and the named Independent Schools, beneficiaries of this scheme cannot increase tuition fees further than the stipulated twelve percent (12%) yearly for the duration of the contract.

Provided that, as per Subsidiary Legislation National Minimum Conditions for all Schools 605.02.12.3 no alteration school fees or other dues shall be made without giving prior notice thereof to the Ministry of Education at least one month before the proposed change is to come into effect.

The DQSE reserves the right to follow criteria as stipulated in contract signed between the Government of Malta and the named Independent School and S.L. NMC 605.02 and conduct unannounced checks regarding the scheme.

8. Right of Appeal

Applicants whose applications or part thereof are not approved by the Directorate for Quality' and Standards in Education shall be so informed within one month of date of submission of application, and shall have the right to appeal this decision in writing with the Permanent Secretary, Ministry of Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

Such appeals must be made not later than 15 calendar days after the communication of non-approval by the Director, DQSE. The decision of the Permanent Secretary (MEYR) shall be final.

9. Duration of the Scheme

This Scheme shall remain in force till the effective date and shall cease thereafter to be in force. This scheme may be terminated before that date by means of a Notice in the Goernment Gazette, and may be renewed for further periods through a similar Notice.

10. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Education, Sport, Youth, Research and Innovation shall have the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

SCHEDULE

Application form as communicated by the Directorate for Quality and Standards in Education.

4th March, 2025

Nru. 363

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Ħal Għaxaq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 363

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Ħal Għaxaq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
ĦAL GĦAXAQ

TRIQ GIO MARIA FARRUGIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Marija

Left side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb tal-ġenb (Każin)	1
Bieb tal-ġenb (Każin)	3
Sala Santa Maria	5
Bieb bla numru	7
Garaxx	9
Garaxx	11
Bieb bla numru	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Marija

Right side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
Sit bla bini	4
Sit bla bini	6
Garaxx	8
Bieb bla numru	10
Garaxx	12
Bieb bla numru	14
Garaxx	16

L-4 ta' Marzu, 2025

4th March, 2025

Nru. 364

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMQABBA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fl-Imqabba, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 364

NUMBERING OF DOORS AT L-IMQABBA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at L-Imqabba, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
L-IMQABBA

TRIQ VALLETTA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Left side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Redemeer	1
2, Casa Vassallo	3
Garaxx	5
Skola (Grada)	7
Bieb bla numru (Skola)	9
Mqabba Primary School	11
Bieb bla numru	13
7	15

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Right side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
110, Luchadan	8
Garaxx	10
109	12
Garaxx	14
Ave Maria	16

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	17	Persjana	18
9	19	Sit bla bini	20
Bieb bla numru	21	105, Marija Immakulata	22
11	23	Garaxx	24
13, St Theresa	25	103	26
14 (Garaxx)	27	Bieb bla numru	28
Bieb bla numru	29	Bieb imbarrat	30
Bieb bla numru	31	Benoliv	32
17	33	Casa Santa Maria	34
Bieb bla numru	35	96	36
Garaxx	37	95	38
19	39	93	40
Garaxx	41	Garaxx	42
Grada	43	Craspedia	44
20, St Joseph	45	Garaxx	46
The Arches	47	90	48
Our Symphony (Flettijiet)	49	Bieb bla numru	50
Garaxx	51	Bieb bla numru	52
St Rita	53	86	54
Garaxx	55	Bieb bla numru	56
Ġawhra	57	Persjana	58
21, Ta' Nena	59	83	60
22, Teżawru	61	Persjana	62
23	63	82, Casa Farrugia	64
Persjana	65	81 (Garaxx)	66
24 (Persjana)	67	80, St Catherine	68
25	69	79, San Antonio	70
26, Antonia	71	Persjana	72
27	73	Garaxx	74
28	75	Garaxx	76
29	77	75, Josella	78
Bieb bla numru	79	Persjana	80
Bieb bla numru	81	73, Hazelhurst	82
31	83	Persjana	84
32A	85	72, Casa Galea	86
32B	87	Loliza	88
33	89	Garaxx	90
34	91	70, Sacred Heart	92
35, Tar-Remissa	93	68	94
Bieb bla numru	95	66	96
St Anne	97	Garaxx	98
Julvic	99	64, Key to Happiness	100
Garaxx	101	Ġienju Garage	102
Sit bla bini	103	62, San Ġużepp	104
Sit bla bini	105	59	106
Sit bla bini	107	Spring Cottage	108
Sit bla bini	109	Sliem Għalik	110
Sit bla bini	111	Garaxx	112
38	113	Garaxx	114
Bieb Imbarrat	115	57B, St Mary	116

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
40, Mystic Rose	117	57A, Angela	118
Garaxx	119	56, San Ġużepp	120
43	121	Garaxx	122
Garaxx	123	54	124
44	125	Garaxx	126
Garaxx	127	52, Emily	128
Bieb bla numru	129	Bieb bla numru	130
45, Redentur	131	Garaxx	132
Garaxx	133	Tal-Ġilju	134
Garaxx	135	Garaxx	136
46	137		
Bieb bla numru	139		
Bieb bla numru	141		
Bieb bla numru	143		
Garaxx	145		
Lily Ville	147		
Bieb bla numru	149		
Bieb bla numru	151		
Nueva Vida	153		
Bieb bla numru	155		
Nostra Casa	157		
Charlrit	159		
Arcadia	161		
Martan	163		

L-4 ta' Marzu, 2025

Nru. 365

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 841 tat-23 ta' Ottubru, 2009, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Għaxaq', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

4th March, 2025

No. 365

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 841 dated 23rd October, 2009, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Għaxaq', the following amendment in **bold** should be made.

ĦAL GĦAXAQ

1. TRIQ BIRŻEBBUĠA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Marija

Left side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9, Dorjohn	21
13, Sydney	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Marija

Right side entering from Triq Santa Marija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
21, Dorjohn	21
Garaxx	**21A**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

4th March, 2025

KUNSILL TAL-ELT

Espressjoni ta' Interess – Kumitat tal-Għażla tal-Premjijiet ELT

Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż lill-Barranin (ELT Council) qed jistieden persuni kkwalifikati sabiex jissottomettu Espressjoni ta' Interess biex ikunu parti mill-Kumitat tal-Għażla għat-tnax-il edizzjoni tal-Premju Professjonali għall-Ispirazzjoni fl-ELT 2025 u r-raba' edizzjoni tal-Premju għas-Servizz fil-Karriera fl-ELT.

Il-Prof. Odette Vassallo, Membru tal-Kunsill tal-ELT, se tippresjedi l-Kumitat tal-Għażla, li se jkollu dawn l-għanijiet:

jirrevedi n-nominazzjonijiet;
jagħżel ir-rebbieħa;
jiġbor tagħrif addizzjonali kif meħtieġ mill-Kunsill tal-ELT fir-rigward tal-premjijiet.

Termini ta' Referenza

L-għanijiet u l-oġġettivi tal-Kumitat tal-Għażla

Kif indikat hawn fuq.

Il-Laqgħat

Se jsiru mhux iktar minn tliet laqgħat, filwaqt li xogħol ieħor se jsir permezz ta' korrispondenza b'ittri elettroniċi. Il-ħin allokat għall-proċeduri kollha se jkun bejn wieħed u ieħor sitt (6) siegħat għal kull membru.

Rimunerazzjoni

Kull membru se jitħallas €100 malli jintemm il-proċess kollu.

ELT COUNCIL

Expression of Interest – Award Selection Committee

The ELT Council is inviting suitably qualified individuals to submit an Expression of Interest to form part of the Award Selection Committee for the 12th Inspiring ELT Professional Award 2025 and the 4th ELT Career Service Award.

Prof. Odette Vassallo, ELT Council Member, will chair the Award Selection Committee, which will have the purpose to:

review the nominees;
select the award winner;
collect additional information as required by the ELT Council in relation to the awards.

Terms of Reference

Purpose and objectives of the Selection Committee

As indicated above.

Meetings

A maximum of three meetings will be held, while other work will be done via email correspondence. Estimated time to be allocated for the entire procedure is six (6) hours per member.

Remuneration

A payment of €100 will be paid to each committee member upon completion of the process.

Perjodu

Marzu-Ottubru 2025

Jistgħu japplikaw dawk li għandhom Kwalifikazzjoni ta' Livell 7 fl-ELT/TESOL, u mill-inqas 1500 siegħa ta' esperjenza fit-tagħlim u taħriġ fil-qasam tal-ELT. Min jixtieq jibgħat Espressjoni ta' Interess, jista' jagħmel dan permezz ta' ittra elettronika lil (info@eltcouncil.com.mt) sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgha, 12 ta' Marzu, 2025.

L-4 ta' Marzu, 2025

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 25 ta' Marzu, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-3192/25. Provvista ta' 'gutter frames for loaning purposes'

CFT 009-3193/25. Provvista ta' portable oxygen concentrators

CFT 009-3194/25. Provvista ta' 'bacteriological u chemical analyses of rinse water għal washer disinfectors in CSSD (2nd publication)'

CFT 014-3195/25. Konsenja u provvista ta' push fit plumbing materials għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 014-3196/25. Provvista ta' 'qty 150 cabinet, bedside, with one drawer and space', magħmulin b'materjali u prattiċi li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent, għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (GGH)

CFT 021-3197/25. Provvista ta' Naltrexone Hydrochloride 50mg tablets

CFT 021-3198/25. Provvista ta' Sodium Bicarbonate 8.4% infusion

CFT 021-3199/25. Provvista ta' Lorazepam 4mg Solution for injection

CFT 021-3200/25. Provvista ta' Diazepam oral solution

CFT 020-3201/25. Provvista ta' peripheral detachable coil system

CFT 021-3202/25. Provvista ta' Nicotinamide 250mg tablets

CFT 021-3203/25. Provvista ta' multivitamin drops

CFT 021-3204/25. Provvista ta' Calcium chloride pre-filled syringe

CFT 021-3205/25. Provvista ta' breast milk fortifier

CFT 021-3206/25. Provvista ta' Sodium bicarbonate 500-600mg tablets

CFT 021-3207/25. Provvista ta' Pilocarpine Hydrochloride 4% w/v eye drops

Duration

March-October 2025

If one has a Level 7 qualification in ELT/TESOL, at least 1500 hours of teaching/training experience in the ELT sector, and would like to express his/her interest, are to send an email to (info.eltcouncil@gov.mt) by Wednesday, 12th March, 2025.

4th March, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 25th March, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-3192/25. Supply of gutter frames for loaning purposes

CFT 009-3193/25. Provision of portable oxygen concentrators

CFT 009-3194/25. Provision of bacteriological and chemical analyses of rinse water of washer disinfectors in CSSD (2nd publication)

CFT 014-3195/25. Delivery and supply of push fit plumbing materials for Gozo General Hospital

CFT 014-3196/25. Supply of qty 150 cabinet, bedside, with one drawer and space, produced with environmentally friendly materials and processes, for Gozo General Hospital (GGH)

CFT 021-3197/25. Supply of Naltrexone Hydrochloride 50mg tablets

CFT 021-3198/25. Supply of Sodium Bicarbonate 8.4% infusion

CFT 021-3199/25. Supply of Lorazepam 4mg Solution for injection

CFT 021-3200/25. Supply of Diazepam oral solution

CFT 020-3201/25. Supply of peripheral detachable coil system

CFT 021-3202/25. Supply of Nicotinamide 250mg tablets

CFT 021-3203/25. Supply of multivitamin drops

CFT 021-3204/25. Supply of Calcium chloride pre-filled syringe

CFT 021-3205/25. Supply of breast milk fortifier

CFT 021-3206/25. Supply of Sodium bicarbonate 500-600mg tablets

CFT 021-3207/25. Supply of Pilocarpine Hydrochloride 4% w/v eye drops

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-4 ta' Marzu, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 5 ta' Marzu, 2025.

ERU2702U25 – Devices
ERU2702U25 – Medicinal
ERU2702U25 – Tests
ERU2702U25A – Medicinal
ERU2702U25B – Medicinal
ERU2702U25C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-4 ta' Marzu, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2025.

ERU2802U25 Medicinals
ERU2802U25A Medicinals
ERU2802U25B Medicinals
ERU2802U25C Medicinals
ERU2802U25D Medicinals
ERU2802U25E Medicinals
ERU2802U25F Medicinals

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

4th March, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 5th March, 2025.

ERU2702U25 – Devices
ERU2702U25 – Medicinal
ERU2702U25 – Tests
ERU2702U25A – Medicinal
ERU2702U25B – Medicinal
ERU2702U25C – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

4th March, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 6th March, 2025.

ERU2802U25 Medicinals
ERU2802U25A Medicinals
ERU2802U25B Medicinals
ERU2802U25C Medicinals
ERU2802U25D Medicinals
ERU2802U25E Medicinals
ERU2802U25F Medicinals

ERU2802U25G Medicinals
ERU2802U25H Medicinals
ERU2802U25I Devices
ERU2802U25 Tests
ERU2802U25J Medicinals
ERU2802U25K Medicinals
ERU2802U25L Medicinals
ERU2802U25M Medicinals

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-4 ta' Marzu, 2025

ERU2802U25G Medicinals
ERU2802U25H Medicinals
ERU2802U25I Devices
ERU2802U25 Tests
ERU2802U25J Medicinals
ERU2802U25K Medicinals
ERU2802U25L Medicinals
ERU2802U25M Medicinals

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

4th March, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

549

ARB/C023/2025 – ORDNI TAL- IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Frar, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Abigail Critien, LLD). Kumpilazzjoni Numru 171/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHAN KOK WAI, kok, ta' 27 sena, imwieled Sarawak, il-Malasja fit-23 ta' Mejju, 1997, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' Passaport tal-Malasjan bin-numru K70454725 u karta tal-identità Malasjana bin-numru 970523-13-6423.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' CHAN KOK WAI u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka, jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro (€13,976.00) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf,

ARB/C023/2025 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th February, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Abigail Critien, LLD). Compilation Number 171/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CHAN KOK WAI, chef, 27 years, born in Sarawak, Malaysia on the 23rd May, 1997, without a fixed address in Malta and holder of a Malaysian Passport bearing number K70454725 and Malaysian identity card bearing number 970523-13-6423.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to CHAN KOK WAI and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro (€13,976.00) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a

sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 27 ta' Frar, 2025

IS-SUR GABRIEL BONANNO
Aġent Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 27th February, 2025

MR GABRIEL BONANNO
Acting Director, Asset Recovery Bureau

550

ARB/C065/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-24 ta' Frar, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 639/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR, jaħdem fil-manutenzjoni, ta' 45 sena, iben il-mejjet Carmelo Cassar u Maria Concetta Cassar Delceppo xebba Delceppo, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-22 ta' Novembru, 1979, u residenti f'Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Il-Kalkara, u/jew 23, The Podium Block C, Flat 10, Triq Dun Ġużepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

U

NICOLAE EFIMOV;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat GORDON CASSAR sabiex iħallas għat-tiġdid tal-liċenzja tat-triq tal-

ARB/C065/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 24th February, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 639/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE FARRUGIA;

CLINT LAWRENCE D'AMATO;

DENZIL FARRUGIA;

ALEXANDRA SUHOV POCORA;

KANE VASSALLO;

GORDON CASSAR, maintenance worker, 45 years, son of the late Carmelo Cassar and Maria Concetta Cassar Delceppo née Delceppo, born in Tal-Pietà, Malta, on the 22nd November, 1979, and residing at Thank God, Triq Sir Agostino Portelli, Kalkara, and/or 23, The Podium, Block C, Flat 10, Triq Dun Ġużepp Bonanno, Ħaż-Żebbuġ, Malta and holder of Maltese identity card bearing number 551079M.

LUCA EMANUELE CORITO;

DYLAN MCKAY;

AND

NICOLAE EFIMOV;

The Court AUTHORISES the accused GORDON CASSAR to pay for the renewal of the road license for the

vettura msemmija fid-digriet datat 24 ta' Frar, 2025, mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -0013 u miżmum mal-Bank of Valletta plc. Illi dan il-ħlas għandu jsir mill-ammont annwali ta' €21,945 li l-imputat huwa intitolat jipperċepixxi.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Stafrace Zammit, LLD), fit-13 ta' Awwissu, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay u Nicolae Efimov.

Illum 26 ta' Frar, 2025

IS-SUR GABRIEL BONANNO
Aġent Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

vehicle mentioned in the decree dated 24th February, 2025, from the bank account registered in the name of the accused ending in -0013 and held at the Bank of Valletta plc. That this payment shall be made from the annual amount of €21,945 which the accused is entitled to perceive.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Stafrace Zammit, LLD) on the 13th August, 2024, which was published in the Government Gazette on the 23rd August, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luke Farrugia, Clint Lawrence D'Amato, Denzil Farrugia, Alexandra Suhov Pocora, Kane Vassallo, GORDON CASSAR, Luca Emanuele Corito, Dylan Mckay and Nicolae Efimov.

Today 26th February, 2025

MR GABRIEL BONANNO
Acting Director, Asset Recovery Bureau

551

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Jannar, 2025, fuq talba ta' Guillaumier Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa tal-fond Edward, Triq San Albert, Il-Gżira, fl-atti taċ-ċedola numru 147/2025 fl-ismijiet Guillaumier Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 147/2025 fl-ismijiet Guillaumier Limited (C5659) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa tal-fond Edward, Triq San Albert, Il-Gżira, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-subdirettarji mhux magħrufa tal-fond Edward, Triq San Albert, Il-Gżira, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2025, fejn Guillaumier Limited esponiet bir-rispett:

Illi b'kuntratt tan-Nutar Dott. Francis Micallef tat-18 ta' Diċembru 1981, l-esponenti li dak iż-żmien kien jisimha Guillaumier Holdings Limited u sussegwentement ġiet amalgamata ma' kumpaniji oħra assoċjati – l-esponenti akkwistat l-utile dominju perpetwu tal-fond sottopost għal

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 24th January, 2025, following a request by Guillaumier Limited vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners of the premises Edward, Triq San Albert, Gżira, in the records of the schedule of deposit number 147/2025 in the names Guillaumier Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent and subgroundrent, number 147/2025 in the names of Guillaumier Limited (C5659) vs Deputy Curators to represent the unknown owners of the premises Edward, Triq San Albert, Gżira, and deputy curators to represent the unknown sub direct owners of the premises Edward, Triq San Albert , Gżira, filed in the First Hall of the Civil Court on the 23rd January, 2025, the applicant Guillaumier Limited respectfully submitted:

That by a contract of Notary Dr Francis Micallef of the 18th December 1981, the applicant who at the time was named Guillaumier Holdings Limited and which company subsequently merged with other associated companies – the applicant acquired the perpetual utile dominium of the

beni ta' terzi, bla numru u magħrufa bl-isem Edward, Triq San Albert, Il-Gżira, konfinanti mit-Tramuntuna mal-imsemmija triq, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern ta' Malta, mil-Lvant ma' proprjetà tal-familja Sant u mill-Punent ma' proprjetà ta' John Camilleri jew suċċessuri fit-titolu tagħhom jew irjieħ verjuri u aktar preċiża, suġġett għaċ-ċens annwu u pereptwu ta' Lm5.21,7 ekiwivalenti llum għal €12.15 altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif jidher immarkat fil-pjanta annessa Dok. X;

Illi preċedentement, il-venditriċi tagħha S. Guillaumier and Co. Ltd kienet akkwistat dan il-fond suġġett għall-imsemmi ċens mingħand Emanuel Scicluna b'att tan-Nutar Dott. Francis Micallef tas-17 ta' Ġunju, 1967 fejn iċ-ċens kien indikat bħala subċens fl-ammont ta' £5.4s.4d;

Illi min-naħa tiegħu, l-imsemmi Emanuel Scicluna kien bena dan il-fond fuq porzjon diviża ta' art mill-artijiet Ta' Leppia, tal-kejl ta' ċirka disgħa u tletin u ottava parti indiviża qasba kwadra (391/8qk) li huwa kien irkupra mingħand Lawrence Fonk b'att tan-Nutar Dott. Maurice Gambin tad-19 ta' Ġunju 1959;

Illi oriġinarjament l-art akbar li fuq parti minnha nbena dan il-fond kienet konċessa b'enfitewsi mill-Veneranda Mensa tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara, b'żewġ atti tan-Nutar Dott. Joseph Gatt tal-14 ta' Ottubru, 1951, u tad-9 ta' Lulju, 1952, rispettivament u sussegwentement parti minnha kienet konċessa b'subenfitewsi perpetwa minn Joseph Aquilina u Emmanuele Mallia lil Lawrence Fonk b'att tan-Nutar Dott. Maurice Gambin tas-26 ta' Settembru, 1958;

Illi abbażi tar-rati taċ-ċens u subċens dikjarati fl-imsemmija atti, meqjus il-kejl ta' dan il-fond, l-esponenti kkalkolaw li r-rata ta' ċens u subċens annwu u perpetwu li biha jinsab aggravat il-fond tagħhom fuq imsemmi fl-ammont ta' €12.15 tirrappreżenta kwantu għal €8.36 ir-rata ta' ċens oriġinali annwu u perpetwu dovut lill-padrun direct, u l-bilanċ ta' €3.79 rata ta' subċens annwu u perpetwu dovut lis-suċċessuri mhux magħrufa ta' Joseph Aquilina u Emanuele Mallia;

Illi billi s-suċċessuri llum tal-padrun direct u tas-subdirettarji mhumiex magħrufa l-esponenti għandha tagħti l-aħħar ħames snin ċens u subċens gravanti l-fond Edward, Triq San Albert, Il-Gżira, ammontanti għal €60.75;

Illi inoltre l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi u tifdi dawn iċ-ċens u subċens kif stipulat fil-liġi;

premises underlying third party property, unnumbered and known by the name Edward, Triq San Albert, Gżira, bounded on the north by the said street, on the south by property of the Government of Malta, on the east by property of family Sant and on the west by property of John Camilleri or successors in title or more precise boundaries, subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm5.21,7 today equivalent to €12.15 otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances as shown marked in the attached plan Doc. X;

That previously, its vendor S. Guillaumier and Co. Ltd had acquired these premises subject to the said groundrent from Emanuel Scicluna by deed of Notary doctor Francis Micallef of the 17th June, 1967 whereby the groundrent was indicated as subgroundrent in the amount of £5.4s.4d;

That on his part, the said Emanuel Scicluna had built these premises on a divided portion of land from the lands of Ta' Leppia, measuring circa thirty nine and one eighth undivided share of square cane (391/8sqc) which he had recovered from Lawrence Fonk by deed of Notary doctor Maurice Gambin of the 19th June 1959;

That originally the larger land on part of which these premises were built was granted by emphyteusis by the Veneranda Mensa of the Basilica Collegiate of Sant'Elena, Birkirkara by two deeds of Notary doctor Joseph Gatt of the 14th October, 1951, and of the 9th July, 1952, respectively and subsequently part of it was granted by perpetual sub-emphyteusis by Joseph Aquilina and Emmanuele Mallia to Lawrence Fonk by a deed of Notary Doctor Maurice Gambin of the 26th September, 1958;

That on the basis of the rates of groundrent and subgroundrent declared in the said deeds, considering the measurement of these premises, the applicants calculated that the rate of annual and perpetual groundrent and subgroundrent with which their premises above mentioned are aggrieved to be in the amount of €12.15, out of which €8.36 represents the rate of original annual and perpetual groundrent due to the direct owner, and the balance of €3.79 being an annual and perpetual subgroundrent due to the unknown successors of Joseph Aquilina and Emanuele Mallia;

That since the successors of the direct owner and the sub-direct owners are today unknown the applicant owes the last five years groundrent and sub groundrent burdening the premises Edward, Triq San Albert, Gżira, amounting to €60.75;

That furthermore the applicant wishes to avail itself of the option given to it by Article 1501 of the Civil Code and redeem these groundrents and subgroundrents as stipulated in law;

Illi ċ-ċens u subċens annwu u perpetwu gravanti dan il-fond fl-ammont ta' €12.15 kapitalizzat kwantu għaċ-ċens bir-rata ta' 5% fis-sena u kwantu għas-subċens bir-rata ta' 3% jammonta għal €243 rappreżentanti kwantu għal €167.20 prezz tal-fidi taċ-ċens oriġinali dovut lill-padruni diretti mhux magħrufa u kwantu għall-bilanċ ta' €126.33 prezz tal-fidi tas-subċens annwu u perpetwu dovut lis-subdirettarji mhux magħrufa.

Għaldaqstant, l-esponenti tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €354.28 u ċjoè:

a) €41.80 arretrati ta' ċens oriġinali u €167.20 prezz tal-fidi tal-istess ċens oriġinali, b'kollox €209 dovuti lill-padruni diretti mhux magħrufa; u

b) €18.95 arretrati tas-subċens, u €126.33 prezz tal-fidi tas-subċens annwu u perpetwu b'kollox €145.28 dovuti lis-subdirettarji mhux magħrufa.

U pagabbli rispettivament lilhom u/jew lill-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-interessi tagħhom wara li jħallu d-debita riċevuta għas-saldu skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Reġistratur tal-Art, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 24 ta' Jannar, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

That the annual and perpetual groundrent and subgroundrent burdening these premises in the amount of €12.15 capitalised as for the groundrent at the rate of 5% per year and as for the subgroundrent at the rate of 3% amounts to €243 representing as for €167.20 price of redemption of the original groundrent due to the unknown direct owners and as for the balance of €126.33 price of redemption of the annual and perpetual subgroundrent due to the unknown direct owners.

Thus, the applicant calls upon this Honourable Court and under its authority deposits the sum of €354.28 namely:

a) €41.80 being arrears of original groundrent and €167.20 redemption price of the same original groundrent, in total €209 due to unknown direct owners; and

b) €18.95 being arrears of the subgroundrent, and €126.33 redemption price of the annual and perpetual subgroundrent in total €145.28 due to the unknown subdirect owners.

And payable respectively to them and/or to deputy curators appointed to represent their interests after leaving due receipt for settlement according to law.

Notifiction: Director Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta

Registrar of Lands, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 24th January, 2025

Registry of the Superior Courts, today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

552

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2025, fuq talba ta' Emanuel Zammit ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-Perit u Arkitett Frank Grixti Soler, Paolo Grixti u Mary Calleja Urry née Pace fl-atti taċ-ċedola numru 148/2024 fl-ismijiet Emanuel Zammit vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 148/2025 fl-ismijiet Emanuel Zammit imwieled Zammit impjegat, miżżewweġ iben id-defunti Paul Zammit u Dolores Zammit née Buttigieg, imwieled il-Gżira fit-8 ta' Jannar, 1959, u residenti 21, Pickeles, Flat 1, Triq l-Imgħażel, Is-Swieqi (KI 0087059M) vs a) kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-Perit Arkitett u Inġinier Frank Grixti Soler iben il-mejtin Albert Grixti u Georgina Grixti Soler née Soler imwieled u kien jirrisjedi Tas-Sliema; kif ukoll jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Paolo Grixti, iben Salvatore u Paola née Cutajar, imwieled Ħal Lija u kien jirrisjedi Ħal Balzan; ukoll sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Mary Calleja Urry née Pace, mart Oscar Calleja Urry, bint Henry Pace u Teresa née Petrococchino, imwielda Tas-Sliema u kienet toqgħod il-Belt Valletta; u b) l-Uffiċċju Konġunt bħala suċċessur tal-Abbazia Spinol ta' 29/30, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2025, fejn Emanuel Zammit espona bir-rispett:

Illi b'seħħ u kuntratt ppubblikat min-Nutar Dott. George Bonello du Pius at-3 ta' Diċembru, 1979 (Dok. A) l-esponennti jipposjedi s-subutile dominjum perpetwu tal-ħanut li jinkludi miegħu l-basement u li llum iġib l-isem ta' Estilo drabi oħra Għal Kafe drabi oħra Sardi f'Triq Ball, Paceville, fil-limiti ta' San Ġiljan, mingħajr l-arja libera miegħu stante illi jinsab sottopost għal beni tal-familja Woods jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, kif suġġett għaċ-ċens u subċnus annwi u perpetwi ta' €116.47 qabel Lm50 u kif suġġett għas-servitujiet inerenti għal pożizzjoni tiegħu, konfinanti mil-Lvant ma' Triq Ball, mit-Tramuntana ma' beni ta' Philip Chircop jew suċċessuri tiegħu fit-titolu u min-Nofsinhar ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu tal-Arkitett u Inġinier Frank Grixti Soler u jew irjieħ aktar verjuri u preċiżi;

Illi s-somma ta' €93.92 qabel Lm40.32 kapitalizzata bil-5% tammonta għal €1,878.40 li se jingħataw lis-suċċessuri tal-Perit u Arkitett Grixti Soler, jew s-suċċessuri tiegħu, u dan kif jistipula l-att ippubblikat min-Nutar Dott. George

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd January, 2025, following a request by Emanuel Zammit vs Deputy Curators to represent the unknown vacant inheritance of Architect and Civil Engineer Frank Grixti Soler, Paolo Grixti and Mary Calleja Urry née Pace in the records of the schedule of deposit number 148/2025 in the names Emanuel Zammit vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, numbered 148/2025 in the names of Emanuel Zammit , born Zammit, employed, married, son of the late Paul Zammit and Dolores Zammit née Buttigieg, born in Gżira on the 8th January, 1959, and residing at 21, Pickeles, Flat 1, Triq l-Imgħazel, Swieqi (ID 0087059M) vs a) deputy curators to represent the vacant inheritance of Architect and Civil Engineer Frank Grixti Soler, son of the late Albert Grixti and Goergina Grixti Soler née Soler born and resided in Sliema and also the vacant inheritance of Paolo Grixti son of Salvatore and Paola née Cutajar, born in Ħal Lija and resided in Ħal Balzan and the vacant inheritance of Mary Calleja Urry née Pace, wife of Oscar Calleja Urry, daughter of Henry Pace and Teresa née Petrococchino, born in Tas-Sliema and resided in Valletta; and b) the Joint Office as successor of Abbazia Spinola of 29/30, Triq Marsamxett, Valletta, filed in the First Hall of the Civil Court on the 23rd January, 2025, the applicant Emanuel Zammit respectfully submitted:

That by means of a deed published by Notary Dr George Bonello du Pius on the 3rd December, 1979 (Doc. A) the interpellant possesses the perpetual dominum subutile of the shop which includes the basement and which today bears the name of Estilo at other times Għal Kafe at other times Sardi in Triq Ball, Paceville, in the limits of St Julian's, without its airspace since it is underlying property of the Woods family or their successors in title, subject to annual and perpetual groundrent and sub-groundrents of €116.47 formerly Lm50 and subject to the servitudes inherent in its position, bounded on the east with Triq Ball, north with property of Philip Chircop or his successors in title and south with property of the successors in title of Architect and Civil Engineer Frank Grixti Soler and or other precise boundaries;

That the sum of €93.92, formerly Lm40.32 capitalised at 5% amounts to €1,878.40 which shall be given to the successors of Architect and Civil Grixti Soler, or his successors, and this as stipulated in the deed published by

Bonello du Pius tat-3 ta' Diċembru, 1979, ċjoè nofs l-awment illi kien ġie impost fl-att fuq imsemmi mill-konċedent Perit Frank Griscti Soler, bl-aċċettazzjoni tal-akwirent Zammit;

Illi s-somma ta' €19.17 qabel Lm8.23 kapitalizzata bil-5% tammonta għas-somma ta' €383.40 dovuti lil Maria Calleja Urry née Pace jew is-suċċessuri tagħha u dan kif jistipula l-konċessjoni subenfitwetika in atti tan-Nutar Dott. Giuseppe Sammut tat-12 ta' Ġunjuu, 1953 (Dok. C);

Illi s-somma ta' €0.14 qabel Lm0.06 kapitalizzata bil-5% tammonta għas -somma ta' €2.80. Illi għal kull bon fini qed jiġi hawn iddikjarat illi dan l-ammont inħadem skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Sammut tat-12 ta' Ġunju, 1953, fejn hemm speċifikat illi l-ammont ta' tmintax-il xelin u tliet soldi (18x3s) għandhom jitħallsu fuq kejl akbar ta' 438qb tal-istess art lir-Rettur tal-Abbazia Spinola bħala rata ta' ċens oriġinali. Illi l-kejl tal-proprejtà de quo hija ta' 55.3qk u liema ċens inqasam fi tnejn u għaldaqstant din ir-rata ta' ċens oriġinali nħadmet prorata;

Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħhu mill-fakultà mogħtija lilu bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi ta' Malta u jifdi dawn l-imemmija ċens u subċnus annwi u perpetwi kif stipulat fil-liġi;

Illi għaldaqstant l-esponenti sejjer jiddepożita s-somma komplessiva ta' €2372.60 rappreżentanti l-prezz ta' fidi taċ-ċens u subċnus annwi u perpetwi kif hawn fuq imsemmi u dan bir-rata ta' kapitalizzazzjoni ta' 5% hlief fil-każ tas-subdirettarju Paolo Grixti jew l-avventi kawża tiegħu kif hawn fuq spjegat.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jottempera ruħu bil-liġi msemmija, qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddi sabiex jiddepożita l-imsemmija somma globali ta' €2372.60 sabiex jsir il-fidi ta' ċens u subċnus annwi u perpetwi hawn fuq imsemmija, li jiġi liberament żbankat mill-intimati, kif hawn fuq stipulat u dan wara li jkun ġie rrilaxxat d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

Notary Dr George Bonello du Puis of the 3rd December 1979 namely one half of the increase which was imposed in the deed above mentioned by the grantor Architect Frank Griscti Soler, with the acceptance of the purchaser Zammit;

That the sum of €19.17 formerly Lm8.23 capitalised at 5% amounts to the sum of €383.40 due to Maria Calleja Urry née Pace or her successors and this as stipulated in the sub-emphyteutical concession in the records of Notary Dr Giuseppe Sammut of the 12th June, 1953 (Doc. C);

That the sum of €0.14 formerly Lm0.06 capitalised at 5% amounts to the sum of €2.80. That for all intents and purposes it is hereby declared that this amount was calculated according to the contract in the records of Notary Giuseppe Sammut of the 12th June, 1953, where it is specified that the amount of eighteen shillings and three pennies (18x3s) are to be paid on a larger measurement of 438 canes of the same land to the Rector of Abbazia Spinola as original groundrent rate. That the measurement of the property de quo is of 55.3 square canes and which groundrent was divided into two and thus this rate of original groundrent was calculated pro-rata;

That the interpellant wishes to avail himself of the option given to him by Article 1501 of the Civil Code of Malta and redeem this annual and perpetual groundrent and sub-groundrents as stipulated in law;

That thus the applicant is depositing the total amount of €2372.60 representing the redemption price of the annual and perpetual groundrent and sub-groundrents as above mentioned and this at the rate of capitalisation of 5% except in the case of the sub-direct owner Paolo Grixti or his successors in title as above explained.

Thus, the applicant in order to abide with the said law, is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the said global sum of €2372.60 to redeem the annual and perpetual groundrent and sub-groundrents above mentioned, which are freely withdrawn by the respondents, as above stipulated and this after the due receipt according to law has been released.

Notifiction: Director Public Registry, Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Jannar, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd January, 2025

Registry of the Superior Courts, today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

553

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-12 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-rikors numru 73/2024AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal et vs Tiziana Cachia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Tiziana Cachia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors numru 73/2024AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Tiziana Cachia (KI 487483M) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-3 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Socjali ppreżenta rapport hawn anness u mmarkat Dok. CC3 li jelenka l-andament u żvilupp tal-minuri [omissis] inkluż l-aċċess bejnu u bejn ommu Tiziana Cachia.

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Jannar, 2025, il-Qorti ordnat li l-intimata fost oħrajn tiġi notifikata, bi żmien ġimagħtejn għal risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Tiziana Cachia (Rikors numru 73/2024AC) tinsab differita għall-14 ta' Marzu, 2025, fl-10.30 a.m.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Tiziana Cachia, Sacred Heart Flats, Flt 6, Triq G. Flores, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th February, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 73/2024AC in the names Directorate for Child Protection et vs Tiziana Cachia, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Tiziana Cachia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number 73/2024AC in the names Directorate for Child Protection and Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services vs Tiziana Cachia (ID 487483M) filed in the Juvenile Court, on the 3rd January, 2025, the applicant Directorate for Child Protection and the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services filed a report here attached and marked as Doc. CC3 which list the minor [omissis] progress and development and includes also how access is progressing between the minor and his mother Tiziana Cachia.

By means of a decree of the 7th January, 2025, the Court ordered that the respondent amongst others be notified having two weeks to file a reply.

The case (Application number 73/2024AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Tiziana Cachia is postponed to the 14th March, 2025, at 10.30 a.m.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Tiziana Cachia, Sacred Heart Flats, Flt 6, Triq G. Flores, Santa Venera

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

554

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Diċembru, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Alberto Angelo Antonio Bassa.

Gordon's Moto Dealer Limited (C31490) ta' Gordon's Moto Dealer, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9042, ippreżentat Talba, fid-9 ta' Diċembru, 2024, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alberto Angelo Antonio Bassa (KI 180421A) ta' Pearl Court, Flat 5, Triq l-Istasija, Is-Swieqi, sabiex iħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €1612.37, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 345/2024CC) hija differita għall-24 ta' Marzu, 2025, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th December, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Alberto Angelo Antonio Bassa in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gordon's Moto Dealer Limited (C31490) of Gordon's Moto Dealer, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9042, filed a Claim on the 9th December, 2024, whereby they asked the Tribunal to condemn Alberto Angelo Antonio Bassa (ID 180421A) of Pearl Court, Flat 5, Triq l-Istasija, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €1612.37, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 345/2024CC) is deferred on the 24th March, 2025, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

555

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5445/2024, fl-ismijiet Maria Dolores Bonnici vs Owen Muscat et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ryan Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Novembru, 2024

Lil: Owen Muscat
Ryan Camilleri ta' 35, Raymar Penthouse, Triq Baldassare Lanci, Il-Fgura
Ayman Khalaf

Permezz tal-preżenti, Maria Dolores Bonnici (KI 445861M) ta' 9, Triq l-Oratorju, Paola, tirreferikom għall-ittra uffiċjali minnkom kollettivament ippreżentata bin-numru 5265/2024 fejn ressaqtu allegazzjonijiet li l-mittenti b'xi mod qiegħda żżommkom milli tkomplu bix-xogħlijiet fid-Duplex Penthouse bin-numru 2, fl-arja u fil-komun tas-sit preċedentement okkupat mill-fond bin-numru 60 fi Triq l-Annunzjata, Ħal Tarxien, jew li qiegħda żżommkom milli taċċedu għal proprjetà sabiex tkomplu bix-xogħljiet, liema allegazjonjiet huma inveritieri u għalhekk skorretti, liema

By means of a decree of the 11th February, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 5445/2024, in the names Maria Dolores Bonnici vs Owen Muscat et, the following publication for the purpose of service on the respondent Ryan Camilleri was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th November, 2024

To: Owen Muscat
Ryan Camilleri of 35, Raymar Penthouse, Triq Baldassare Lanci, Fgura
Ayman Khalaf

By the present the Maria Dolores Bonnici (ID 445861M) of 9, Triq l-Oratorju, Paola, refer you to the judicial letter filed by you collectively with number 5265/2024 where you brought forward allegations that the interpellant is in any way preventing you from continuing with the works in Duplex Penthouse with number 2, in the airspace and in the common area of the site previously occupied by the premises with number 60 in Triq l-Annunzjata, Ħal Tarxien, or that it is preventing you from acceding to property in order to continue with the works, which allegations are inaccurate

allegazzjonijiet evidentement qegħdin isiru b'reazzjoni għall-fatt li intom Owen Muscat u Ryan Camilleri ksirtu l-obbligi kuntrattwali tagħkom naxxenti mill-kuntratt minnkom ċitat fl-imsemmija ittra uffiċjali u ċjoè dak fl-atti tan-Nutar Eric Wadge tas-27 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema t-trasferiment lilkom Owen Muscat u Ryan Camilleri tal-immobbli hemm deskritta saret kontra korrispettiv in natura stabbilit fi kwalsola 1 tal-imsemmi kuntratt ossija a) bil-bini tal-maisonette numru wieħed (1) fi stat ta' shell form u favur tal-mittenti; b) bil-finishings tal-istess maisonette numru wieħed (1) skont l-ispecifikazzjonijeit indikat fid-dokument C anness mal-istess kuntratt, u c) bil-finishings tal-partijiet komuni tal-blokk, liema xogħljiet kellhom jitlestew sa mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru, 2023.

and thus incorrect, which allegations are evidently being made in reaction to the fact that you Owen Muscat and Ryan Camilleri breached your contractual obligations resulting from the contract mentioned by you in the said judicial letter and namely the contract in the records of Notary Eric Wadge of the 27th June, 2022, by means of which the transfer to you Owen Muscat and Ryan Camilleri of the immovable therein described was made against the obligation established in clause 1 of the said contract and namely a) by the building of the maisonette number one (1) in shell form and in favour of the interpellant; b) with the finishings of the same maisonette number one (1) according to the specifications indicated in document C attached to the same contract; and c) with the finishings of the common parts of the block, which works had to be completed by not later than 27th October, 2023.

liġi. Inoltre l-mittenti per konsegwenza tad-diversi ġrieħi li inti kkawżajtilha qiegħda ssoffri diversi ġrieħi ta' natura permanenti.

Għaldaqsttant, inti qiegħed tiġi interpellat sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni subiti mill-mittenti, u dan fi żmien ġimgħa min-notifika tal-preżenti ittra uffiċjali.

Fin-nuqqas il-mittenti se tkun kostretta sabiex tieħu l-passi kollha neċessarji skont il-liġi inkluż bil-fakultajiet kollha u dan sabiex il-mittenti tissalvagwardja l-interessi tagħha.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat ukoll ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of law. Furthermore the interpellant as a consequence of the various grievances that you caused her is suffering various grievances of a permanent nature.

Thus, you are being solicited to come forward for the liquidation and payment of damages suffered by the interpellant, and this within one week from the service of the present judicial letter.

In default the interpellant shall be constrained to take all the necessary steps according to law including all the faculties and this so that the interpellant safeguards its interests.

This letter is being sent also in terms of Article 2128 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid useless expenses.

With costs

Registry of the Superior Courts, today, 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

592

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Frar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3203/2024, fl-ismijiet Motor Insurers Bureau vs Antoine Ellul, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Antoine Ellul a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 15 ta' Lulju, 2024

Lil Antoine Ellul (KI 0533094M) ta' Block 4, Flat 3, Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa

Permezz tal-preżenti, Motor Insurers Bureau ta' Unit 4, Level 2, 116, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9024, bħala manager tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, filwaqt illi jagħmel referenza għall-ittri uffiċjali tiegħek tat-23 ta' Novembru, 2022 (4981/22) u tas-6 ta' Lulju, 2023 (2900/2023) inkonnessjoni mal-incident awtomobilistiku li seħħ nhar is-26 ta' Lulju, 2019, fi Triq l-Intornjatur, l-Imrieħel, Birkirkara, meta inti kont passiggier fil-vettura tal-marka Toyota Vitz misjuqa minn Ronald Cutajar jinfurmak illi: i) il-claim tiegħek mal-mittenti ma saritx fi żmien sentejn kif rikjest mill-Artikolu 52(b) tal-Kap. 403 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) mingħajr preġudizzju għal dan, jirriżulta illi

By means of a decree of the 18th February, 2025, in the records of the judicial letter number 3203/2024, in the names Motor Insurers' Bureau vs Antoine Ellul, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Antoine Ellul in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th July, 2024

To Antoine Ellul (ID 0533094M) of Block 4, Flt 3, Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa

By means of this present, Motor Insurers' Bureau of Unit 4, Level 2, 116, Triq il-Wied, Birkirkara BKR 9024, as manager of the Protection and Compensation Fund, whilst referring to your judicial letters of 23rd November, 2022 (4981/22) and 6th July, 2023 (2900/2023) in connection with the car accident which occurred on 26th July, 2019, in Triq l-Intornjatur, Mrieħel, Birkirkara, when you were a passenger in the vehicle of the make Toyota Vitz driven by Ronald Cutajar informs you that (i) your claim with the interpellant was not made within two years as required by Article 52 (b) of Cap. 403 of the Laws of Malta, and (ii) without prejudice to this, it results that the vehicle above

l-vettura surriferita kellha n-numru ta' reġistrazzjoni KBU 839 u kienet debitament assigurata fil-mument tal-inċident u għalhekk ma tista' ssir ebda talba għall-kumpens kontra l-mittenti. Għaldaqstant, il-pretensjoni tiegħek kontra l-mittenti hija legalment infondata u qed tiġi miċħuda.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

mentioned had registration number KBU 839 and was duly insured at the time of the incident and thus no claim for compensation can be made against the interpellant. Thus, your claim against the interpellant is legally unfounded and is being rejected.

So much so that you may know how to proceed.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

593

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Isabelle Darmanin Godano et vs Paul Pace, Rikors numru 217/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Paul Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Isabelle Darmanin Godano (KI 997150M) u Mary Rose Vella Haber (KI 332152M) vs Paul Pace (KI 143772M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-14 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti Isabelle Darmanin Godano et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddetermina jekk l-intimat jissodisdfax il-kriterji ta' test tal-mezzi stabbiliti skont l-Att XXIV tas-sena 2021 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandux jekk ikompli l-kirja tal-fond numru 29, Triq Giloromo Cassar, Il-Birgu;

2. Jordna f'każ li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond 29, Triq Giloromo Cassar, Il-Birgu, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021 il-kera għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond lokatizju fl-1 ta' Jannar, 2024, u jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera billi fost affarijiet oħra jgħaddi l-obbligi kollha rigward manutenzjoni ordinarja esterna u interna tal-fond fuq l-inkwilin.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riżerva għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvota tiġi ppreżentata għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-Att XXIV tas-sena 2021.

By means of a decree of the 5th February, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Isabelle Darmanin Godano et vs Paul Pace, Application number 217/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Paul Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Isabelle Darmanin Godano (ID 997150M) and Mary Rose Vella Haber (ID 332152M) vs Paul Pace (ID 143772M) filed in the Rent Regulation Board, on the 14th May, 2024, the applicants Isabelle Darmanin Godano et requested this Honourable Board why it should not:

1. Determine whether the respondent satisfies the criteria of a means test established according to Act XXIV of the year 2021 of the Laws of Malta and consequently whether he has to continue the lease of the premises number 29 Triq Giloromo Cassar, Vittoriosa;

2. Order in case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, the eviction of the same respondent from the premises 29, Triq Giloromo Cassar, Vittoriosa, within a short and peremptory time established by this Board;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of the year 2021 the rent shall be revised to the amount of 2% per annum of the free and unencumbered open market value of the leased premises on the 1st January, 2024, and establish new conditions regarding the lease by amongst other things passing all obligations regarding ordinary external and internal maintenance of the premises on the tenant.

With costs and the respondent is from now summoned so that a reference to his oath be made and reserving any other action that may be filed for the declaration of nullity of Act XXIV of the year 2021.

Esponenti: 23, La Tartaruga, Triq Ġanni Bonavia, Ħaż-Żabbar

Intimat: Paul Pace, 29, Triq Gilormu Cassar, Il-Birgu, u/jew Block 13, Flat 4, Triq San Lawrenz, Il-Birgu

Notifika: L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Isabelle Darmanin Godano et vs Paul Pace, Rikors numru 217/2024JG, jinsab differit għat-18 ta' Marzu, 2025, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicants: 23, La Tartaruga, Triq Ġanni Bonavia, Ħaż-Żabbar

Respondent: Paul Pace, 29, Triq Gilormu Cassar, Vittoriosa, and/or Block13, Flat 4, Triq San Lawrenz, Vittoriosa

Notification: Housing Authority.

The application in the names Isabelle Darmanin Godano et vs Paul Pace, Application Number 217/2024JG has been postponed for hearing to the 18th March, 2025, at 10.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

594

B'digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'ċedola tad-Depożitu ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Mejju, 2024, bin-numru 1328/2024 fl-ismijiet Grazio sive Harry Calleja et vs Catherine Cauchi (KI 271241M), minn Grazio sive Harry Calleja (KI 356350M) u Emanuel Calleja (KI 1119647M) fejn esprimew bir-rispett:

Illi l-esponenti jiddetjenu b'titolu ta' kera agrikola r-raba', magħrufa bħala Tal-Ħnejja, fil-Gudja, u dan versu l-ħlas ta' qbiela lill-intimata ta' erbgħin ewro (€40) fis-sena;

Illi l-esponenti jridu jeffettwa l-ħlas tal-qbiela lill-intimata li qed tirrifjuta tali ħlas għall-perjodu ta' bejn Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u Awwissu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) li tammonta għas-somma ta' tmenin ewro (€80);

Illi l-esponenti bl-iskop li jeżimu ruħhom minn kwalsijasi responsabbiltà se jgħaddu għad-depożitu taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti tal-ammont dovut in linea ta' ħlas ta' qbiela għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, ossija l-ħlas ta' qbiela għall-perjodu ta' sentejn, li tammonta għal tmenin ewro (€80);

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kwalsijasi responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta'

By a decree given on 21st Janurary, 2025, by the Civil Court of Magistrates (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 16th May, 2024, numbered 1328/2024 in the names Grazio sive Harry Calleja et vs Catherine Cauchi (ID 271241M), by Grazio sive Harry Calleja (ID 356350M) and Emanuel Calleja (ID1119647M) respectfully submitted:

That the exponents hold by title the agricultural lease on the agricultral land known as Tal-Ħnejja, in Gudja, and this in return for the payment of agriculture lease to the respondent of forty euro (€40) per year;

That the exponents must affect the payment of the agricultural lease to the respondent who is refusing such payment for the period between August of the year two thousand and twenty-three (2023) and August of the year two thousand and twenty-five (2025) which amounts to the sum of eighty euro (€80);

That the exponents with the purpose to exempt themselves from any responsibility will proceed to the deposit under the authority of this Honorable Court the amount due in linea of payment of the agricultural lease for all the purposes and intent of the law, i.e. the payment of agricultural lease for the period of two years, which amounts to eighty euro (€80);

Thus, the exponents in order to exempt themselves from any responsibility, are requesting this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of eighty euro

tmenin ewro (€80) rappreżentanti ħlas ta' qbiela fir-rigward tar-raba' magħrufa bħala Tal-Ħnejja, il-Gudja, għall-perjodu ta' bejn Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u Awwissu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), sabiex tiġi liberalment żbankata mill-intimata prevja r-rilaxx ta' debita riċevuta.

Illum 21 ta' Frar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

(€80) representing payments of agricultural lease in regard of the agricultural land known as Tal-Ħnejja, Gudja, for the period between August two thousand twenty-three (2023) and August two thousand twenty-five (2025), in order to be freely withdrawn from the respondent prior leaving a due receipt.

Today 21st February, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

595

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fl-24 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-rikors numru 216/2022AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Marta Iavorscaia et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jean (Jean Pierre) Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-Rikors numru 216/2022AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Marta Iavorscaia u Jean (Jean Pierre) Schembri (KI 201577M) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fis-27 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ppreżenta rapport hawn anness u mmarkat Dok. JAS li jelenka l-andament u żvilupp tal-minuri [omissis] u l-aċċess bejn l-minuri u l-omm Marta Iavorscaia.

Permezz ta' digriet tal-14 ta' Ottubru, 2024, il-Qorti ordnat li l-intimati jigu notifikata, fost oħrajn, bi żmien ġimagħtejn għal risposta.

Permezz ta' nota fl-atti tar-Rikors numru 216/2022AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Marta Iavorscaia u Jean (Jean Pierre) Schembri (KI 201577M) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-3 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u d-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ppreżenta rapport hawn anness u mmarkat Dok. JAS3 li jelenka l-andament u żvilupp tal-minuri [omissis] u l-access bejn l-minuri u l-omm Marta Iavorscaia.

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Jannar, 2025, il-Qorti ordnat li l-intimati jiġu notifikata, fost oħrajn, bi żmien ġimagħtejn għal risposta.

By means of a decree of the 24th February, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 216/2022AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Marta Iavorscaia et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jean (Jean Pierre) Schembri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application number 216/2022AC in the names Directorate for Child Protection and Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services vs Marta Iavorscaia and Jean (Jean Pierre) Schembri (ID 201577M) filed in the Juvenile Court, on the 27th September, 2024, the applicant Directorate for Child Protection and the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services filed a report here attached and marked as Doc. JAS which includes all information and development regarding the minor [omissis] and the access between the minor and the mother Marta Iavorscaia.

By means of a decree of the 14th October, 2024, the Court ordered that the respondents amongst others be notified having two weeks to file a reply.

By means of a note in the records of Application number 216/2022AC in the names Directorate for Child Protection and Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services vs Marta Iavorscaia and Jean (Jean Pierre) Schembri (ID 201577M) filed in the Juvenile Court, on the 3rd January 2025, the applicant Directorate for Child Protection and the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation of Social Welfare Services filed a report here attached and marked as Doc JAS3 which includes all information and development regarding the minor [omissis] and the access between the minor and the mother Marta Iavorscaia.

By means of a decree of the 7th January, 2025, the Court ordered that the respondents amongst others be notified having two weeks to file a reply.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Marta Iavorscaia et (Rikors numru 216/2022AC) tinsab differita għat-23 ta' Mejju, 2025, fl-10.30 a.m.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Jean Pierre Schembri, 131, Fl. 2, Triq ir-Rebbiegħa, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Application number 216/2022AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services et vs Marta Iavorscaia is postponed to the 23rd May, 2025, at 10.30 a.m.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Jean Pierre Schembri, 131, Fl. 2, Triq ir-Rebbiegħa, Siġġiewi

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 3rd March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

596

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fl-24 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-rikors numru 213/2022AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Socjali vs Maryfleur Pace et, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maryfleur Pace u Brian Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-rikors numru 213/2022AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Maryfleur Pace (KI 47567M) u Brian Pace (KI 385381M), ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-23 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali ppreżenta rapport hawn anness u mmarkat Dok. SP u dan ai termini tal-Artikolu 18(8) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Jannar, 2025, il-Qorti ordnat li l-intimati Mary Fleur Pace u Brian Pace fost oħrajn jiġu notifikati, bi żmien ġimagħtejn għal risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Maryfleur Pace et (Rikors numru 213/2022AC) tinsab differita għall-21 ta' Marzu, 2025, fil-11.15 a.m.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Maryfleur Pace, 116, Kustnic Court, Flat 1, Triq il-Belt Valletta, Paola

Brian Pace, 31, Triq Santa Mary, Il-Gudja

By means of a decree of the 24th February, 2025, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 213/2022AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Maryfleur Pace et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Maryfleur Pace and Brian Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the records of Application Number 213/2022AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Maryfleur Pace (ID 47567M) and Brian Pace (ID 385381M) filed in the Juvenile Court, on the 23rd December, 2024, the applicant Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services filed a report here attached and marked as Doc. SP and this in terms of Article 18(8) of Cap. 602 of the Laws of Malta.

By means of a decree of the 6th January, 2025, the Court ordered that the respondents amongst others be notified having two weeks to file a reply.

The case (Application number 213/2022AC) in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Maryfleur Pace et is postponed to the 21st March, 2025, at 11.15 a.m.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Maryfleur Pace,116, Kustnic Court, Flat 1, Triq il-Belt Valletta, Paola

Brian Pace, 31, Triq Santa Mary, Gudja

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 3rd March, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

597

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-3 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 230/2021 fl-ismijiet l-Avukat Dott. Francis Lanfranco (KI 381250M) vs l-Avukat tal-Istat u Emmanuela Ellul (KI 16836M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Emmanuela Ellul a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 230/2021 ippreżentat fit-18 ta' Lulju, 2024 l-Avukat tal-Istat ħassu aggravat bis-sentenza tal-Prim'Awla tl-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) mogħija fit-12 ta' Lulju, 2024, liema qorti kkundannatu jħallas lill-appellat is-somma ta' €34,043 bħala danni pekunjarji u kumpens nonpekunjarju ta' €7,000 bl-aggravji li kemm l-kumpens pekunjarju kif ukoll nonpekunjarju kienu eċċessivi għar-raġunijiet u l-ġurisprudenza msemmijin u kkwotat fl-istess appell.

Għaldaqstant l-appellant Avukat tal-Istat jitlob lil din l-Onorbbli Qorti Konstitzzjonali sabiex tirriforma s-sentenza msemmja mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2024, billi tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dawk il-partijiet fejn iffissat tal-kumpens imsemmi għall-ksur konvenzjonali u kostituzzjonali u minflok tordna li l-ammonti msemmija jitnaqqsu konsiderevolment jew jitneħħew u tikkonferma s-sentenza fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ proċeduri jintrefgħu mill-appellat

Notifika: Emmanuela Ellul, 25, Triq Tal-Ħandaq limiti ta' Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 17 ta' Frar, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Constitutional Court on the 3rd December, 2024, in the records of Application number 230/2021 in the names Advocate Dr Francis Lanfranco (ID 381250M) vs The State Advocate and Emmanuela Ellul (ID 16836M), the following publication was ordered for the purpose of effeting service on Emmanuela Ellul in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 230/2021 filed on 18th July, 2024, the State Advocate felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) delivered on 12th July, 2024, which ordered him to pay the respondent the sum of €34,043 by way of pecuniary damages and a non-pecuniary compensation of €7,000 on the grounds that both pecuniary and non-pecuniary compensation were excessive for the reasons and the case law cited and quoted in the same appeal.

Therefore, the appellant State Advocate asks this Honorable Constitutional Court to reform the said judgment delivered on the 12th July, 2024, by cancelling, revoking and annulling it in those parts where it established the said compensation for the conventional and constitutional violations and instead it orders that the said amounts be considerably reduced or removed and confirm the judgment as to the remainder, with the costs of both instances being borne by the respondent.

NOTIFICATION: Emmanuela Ellul, 25, Triq Tal-Ħandaq limits of Ħal Qormi

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 17th February, 2025

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

598

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Frar, 2025, fuq rikors ta' Chester Holdings Limited (C74645) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Lulju, 2025, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 20th February, 2025, on the application of Chester Holdings Limited (C74645), Thursday, 10th July, 2025, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts

Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

a) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali erbgħa u għoxrin (24) u denominat bħala 'Mary House' u ġja qabel bl-isem 'Rita', fi Triq Sant'Elija, Birkirkara, eżenti mill-ħlas ta' ċens annwu u perpetwu, illum imwaqqa' u minfloku hemm permess (PA 6128/19) tal-bini attiv biex jinbnew tliet (3) appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fir-raba' sular (4th floor), u li se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, konfinanti mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Fenech u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Spiridiona Bezzina jew l-aventi kawża tagħhom jew irjieħ oħrajn verjuri, kif sovrapost għal beni ta' terzi u stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000);

b) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali tnejn u sebgħin (72), ġja numru għoxrin ittra A (20A), fi Triq Clarence, Tal-Pietà, u ċjoè l-arja mill-ewwel sular 'il fuq u l-entratura mit-triq, li iżda dan huwa suġġett għat-twaqqigħ tal-mezzanin li hemm fl-ewwel sular bħalissa u li l-istess fond huwa soġġett li jerġa' jinbena sa stat ta' shell, bi tqassim differenti bħala appartament numru wieħed fil-kumpless li għad irid jinbena u dan skont il-permess tal-bini attiv (non executable) PA 8150/20, fejn il-mezzanin li hu eżistenti jrid jitwaqqa' u minfloku jinbnew erba' appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fil-ħames sular (5th floor), esklużż l-arja formanti parti mill-istess fond, bejn nofs is-saqaf tal-ground floor level sa nofs is-saqaf tal-first floor level, ossija dik l-arja tal-kejl ta' ċirka mija u ħamsa u għoxrin metru kwadru (125m.k) li ladarba l-blokka tiġi kostruwita sejra tifforma l-appartamenti internament immarkat bin-numru wieħed (1) formanti parti mill-istess blokk ta' appartamenti. L-appartamenti se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitt ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€6.98) u liema fond jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija Triq Clarence, mill-Punent mal-mezzanin ġja innumerat tnejn u għoxrin ittra A (22A) u mit-Tramuntana mal-art żdingata proprjetà tal-aventi kawża ta' Bernarda Aquilina jew irjieħ iktar korretti u stmat li jiswa mitejn elf ewro (€200,000);

c) Terz indiviż (1/3) mill-mezzanin bin-numru erbgħa (4), bl-isem Anil, fi Triq il-Ħawt, Is-Swieqi, sitwat fl-ewwel sular, b'aċċess minn Triq il-Ħawt, is-Swieqi, bil-bejt u l-arja tiegħu, u li tikkonfina mill-Majjistral ma' Triq il-Ħawt, filwaqt li mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lbiċ jikkonfina

Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

a) The maisonette with official number twenty four (24) and named 'Mary House' and previously named 'Rita', in Triq Sant'Elija, Birkirkara, exempt from the annual and perpetual ground rent payment, today demolished and instead there is an active building permit (PA 6128/19) to construct three (3) apartments, one on each level and a setback apartment on the fourth (4th) floor, and which will have access from the common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor, bounded north with the said street, west with property of Joseph Fenech and east with property of Spiridiona Bezzina or their successors in title or other correct boundaries, overlying third party property, and is valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000);

b) The maisonette with official number seventy two (72), previously numbered twenty letter A (20A), in Triq Clarence, Tal-Pietà, and therefore the airspace from the first floor upwards, with a street entrance, which however, this is subject to the demolition of the present maisonette on the first floor and the same tenement is subject to be re built into a shell form state divided differently as an apartment number one in the complex which is yet to be built, and this according to the active building permit (non executable) PA 8150/20, where the existing maisonette will be demolished and rebuilt into four apartments, one on each floor, and a setback apartment on the fifth (5th) floor, excluding the airspace forming part of the same tenement, between half of the ceiling of the ground floor level till the middle of the ceiling of the first floor level, ossia the airspace measuring circa one hundred and twenty five square metre (125sqm) which once the block is built will be forming apartments internally numbered one (1) forming part of the same block of apartments. The apartments will be having access from a common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor level, is subject to the annual and perpetual ground rent of six euro and ninety eight cents (€6.98) and which tenement is bounded South with the said Triq Clarence, west with the maisonette previously numbered twenty two letter A (22A), and north with the derelict land property of the successors in title of Bernarda Aquilina or more correct boundaries and is valued at two hundred thousand euro (€200,000);

c) One third undivided share of the maisonette number four (4), named Anil, in Triq il-Ħawt, Swieqi, situated on the first floor, with access from Triq il-Ħawt, Swieqi, with its roof and airspace, and which is bounded north west with Triq il-Ħawt, whilst from the northeast, southeast and southwest

ma' proprjetà terzi u stmat li jiswa mija u għaxart elef ewro (€110,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mercieca Alexander (KI 85363M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 43/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

is bounded with property of third parties, and is valued at one hundred and ten thousand euro (€110,000).

The said tenement is the property of Mercieca Alexander (ID 85363M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 43/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 3rd March, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

599

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Frar, 2025, fuq talba ta' Dott. Peter Fenech maħtur bħala stralċarju fil-proċeduri ta' Falliment ta' Jonathan Pace, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1) sitwat fl-ewwel sular (ground floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000);

L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) sitwat fl-ewwel sular (first floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

L-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) sitwat fit-tieni sular (second floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, stmat li jiswa mija u tmenin elf u tmien mitt ewro (€180,800);

Penthouse internament immarkata bin-numru erbgħa (4) sitwata fir-raba' sular (fourth floor level) u formanti parti minn blokk bl-isem ta' 'Waveline' fi Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar bl-arja libera tagħha stmata li tiswa mija disgħa u erbgħin elf u sitt mitt ewro (€149,600);

L-appartament numru wieħed (1) igawdi u huwa suġġett għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 24th February 2025 following a request of Dr Peter Fenech appointed as liquidator in Jonathan Pace's bankruptcy proceedings, Thursday, 4th September, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78 nearby the Courts Archieve, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally marked number one (1) is situated on ground floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and seventy thousand euro (€170,000);

The apartment internally marked number two (2) is situated on the first floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

The apartment internally market number three (3) is situated on the second floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, valued at one hundred and eighty thousand and eight hundred euro (€180,800);

Penthouse internally marked number four (4) situated on the fourth floor and forming part of a block named 'Waveline' in Triq il-Knisja fix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar with its own free airspace valued at one hundred and forty-nine thousand and six hundred euro (€149,600);

The apartment number one (1) enjoys and is subject to those servitudes resulting from its relative position within

tiegħu ġewwa l-blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-servizzi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti kif ukoll id-dritt ta' użu gratwit, mhux interrott u inperpetwu trasferibbli li terzi 'ad infintum' tal-partijiet kollha intiżi għall-użu komuni u liema dritt ta' użu jitgawda inkomuni mal-appartamenti l-oħra fil-blokk bid-dritt ta' aċċess għal fuq il-bejt limitat biss għal installazzjoni u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' mhux aktar minn ħames mitt litru (500lt) fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenzjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-ħdax ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (11.6.2009).

Mal-appartamenti numri tnejn (2) u tlieta (3) u l-penthouse jinkludi l-partijiet komuni kollha fil-blokk u li jgawdu u huma suġġetti għal dawk is-servitujiet inerenti mill-pożizzjoni relattiva tagħhom ġewwa l-istess blokk li jinkludu fost oħrajn il-passaġġ ta' pajpijiet tal-ilma, drenaġġ u kif ukoll is-serviżżi li huma komuni mal-proprjetajiet sovrastanti u sottostanti u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Reuben Debono tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (21.3.11).

Maisonette fil-livell terran (ground floor level) bin-numru erbgħa (4) bl-isem 'Shelik' formanti parti minn kumpless bl-isem 'Eureka' mingħajr l-arja tiegħu u liema kumpless jinsab f'Misraħ Karmenu Grima qabel magħrufa Triq it-Tagħlim, iż-Żejtun, formanti parti mill-art jisimha s-Saliba jew Mastru Gidelu jew Mastru Galutin konfinanti mil-Lvant mal-parti stradali (Misraħ Karmenu Grima, preċedentement magħrufa bħala Triq it-Tagħlim) liberu u frank kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu fosthom ta' mogħdija ta' katusi u servizzi li jservu il-proprjetà sovrastanti u sottoposti u dritt ta' użu inperpetwu u mhux interrott li jinstalla tank ta' l-ilma ta' ħames mitt litru (500 lt) fuq fuq l-ogħla bejt tal-blokk u għall-installazzjoni u manutenżjoni ta' satellite dish komuni u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (14.5.2008) stmat li jiswa mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000);

Ħanut kantuniera fil-livell terran (ground floor level) bl-isem 'Tyson Butcher' u nnumerat ħmistax (15) fi Kanonku Giovanni De Domenico, Iż-Żejtun, mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għas-servitujiet li jirriżultaw mill-pożizzjoni tiegħu sottopost għal proprjetà ta' terzi li jinkludi sistema ta' drains u drenaġġ komuni, mill-bqija liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg tas-sbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (17.9.2009)stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

the block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are in common with the overlying properties as well as the right of guarantee use, uninterrupted and in perpetual transferable to third parties 'ad infintum'of all the parts intended for common use and which right of use is enjoyed in common with the other apartments in the block with right of access to the roof only limited to install and maintenance of a water tank of no more than five hundred litres (500lt) on the highest roof of the block and for the installation and maintenance of a common satellite dish and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the eleventh June of year two thousand and nine (11.6.2009).

With apartments numbers two (2) and three (3) and the penthouse includes all the common parts in the block and are subject to those servitudes arises from their relative position within the same block which include among others the passage of water pipes, drainage and also the services that are common with the overlying and underlying properties and this as described in the acts of Notary Reuben Debono of the twenty first of March of year two thousand and eleven (21.3.11).

Maisonette on the ground floor numbered four (4) named 'Shelik' forming part of a complex named 'Eureka' without its airspace and which complex is situated in f'Misraħ Karmenu Grima before known as Triq it-Tagħlim, Żejtun, forming part from a land named is-Saliba or Mastru Gidelu or Mastru Galutin bounded on the east by the street (Misraħ Karmenu Grima, previously known as Triq it-Tagħlim) free and unencumbered and subject for those servitudes resulting from its position which include among others the passage of pipes and services to serve the overlying and underlying property and with the right of use in perpetual and uninterrupted to install water tank of no more than five hundred litres (500 lt) on the highest roof of the block and install and maintenance of common satellite dish and this as described in the acts of Notary Joseph Smith La Rosa of the fourteen May of year two thousand and eight (14.5.2008) valued at two hundred and forty five thousand euro (€245,000);

Corner shop on the ground floor level named "Tyson Butcher" and numbered fifteen (15) in Kanonku Giovanni De Domenico, Żejtun, without its airspace, subject to servitudes resulting from its position underlying third party property which includes common drains and drainage system, the rest is free and unencumbered with its right and appurtenances as described in the acts of Notary Vanessa Buttigieg of seventeen September of year two thousand and nine (17.9.2009) valued at two hundred and thirty (€230,000).

L-imsemmi appartament numru wieħed (1) f'Ħaż-Żabbar, il-ħanut 'Tyson Butcher' u l-maisonette bl-isem 'Shelik' fiż-Żejtun huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u l-appartamenti numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) huma proprjetà tal-mejjet Jonathan Pace (KI 277083M) u Melanie Pace (KI650082M)

N.B. L-imsemmija proprjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 13/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said apartment number one (1) apartment in Ħaż-Żabbar, the shop 'Tyson Butcher' and the maisonette named 'Shelik' in Żejtun are property of the deceased Jonathan Pace (ID650082M) and the appartments number two (2), three (3) and four (4) in Ħaż-Żabbar are property of the deceased Jonathan Pace (ID 277083M) and Melanie Pace (ID 650082M).

N.B. The said properties will be sold as described in the acts of judicial sales number 13/2021.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 3rd March, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

600

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Jannar, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Is-showroom internament numerata bin-numru wieħed (1) li tinsab fil-pjan terran, b'entratura minn bieb komuni li jġib in-numru mitejn u sitta u tletin (236), f'High Street, Il-Ħamrun, formanti parti minn blokk ta' bini konsistenti fi tlett sulari, inkluż il-parti relattiva tal-partijiet komuni, però eskluż it-tieni (2) u t-tielet (3) sular, il-bejt u l-arja sovrastanti t-tielet (3) sular, ta' liema bejt u arja il-kumpanija Globino Limited għandha biss l-użu inkomuni mal-proprjetarji tas-showroom li tinsab fit-tielet (3) sular, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u stmata li tiswa mitejn u disgħa u għoxrin elf ewro (€229,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Globino Limited (C10052).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th January, 2025, on the application of Bank of Valletta plc with the registration number C2833, Tuesday, 8th July, 2025, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The showroom internally numbered number one (1) situated on the ground floor level, with an entrance through a common door with number two hundred and thirty six (236), in High Street, Ħamrun, forming part of a building block consisting of three floors, including the relative part of the common parts, however excluding the second (2nd) and the third (3rd) floor, the roof and the overlying airspace above the third (3rd) floor, which roof and airspace the company Globino Limited has only common use with the owners of the showroom situated on the third (3rd) floor, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and valued at two hundred and twenty nine thousand euro (€229,000).

The said tenement is the property of Globino Limited (C10052).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2016.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 3rd March, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Supporting responsible forestry
FSC® C140603